# QORTI CIVILI PRIM`AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 15 ta` Settembru 2015**

**Kawza Nru. 9**
**Rik. Gur. Nru. 632/2010**

**Fenech Estates Company Limited (C3634)**

***kontra***

**HSBC Bank Malta plc, Tal-Barrani Company Limited, Michael Axisa Company Limited, Ludwig Camilleri, Dottor Louis Cassar Pullicino u l-Avukat Generali**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat illi r-rikors guramentat ipprezentat fit-22 ta` Gunju 2010 jaqra hekk :–

*Illi s-socjeta` HSBC Bank plc ipprocediet kontra s-socjeta` Tal-Barrani Company Limited ghall-istralc tal-istess socjeta` ghar-ragunijiet migjuba fir-rikors numru 530/02 JA fl-ismijiet HSBC Bank Malta plc vs Tal-Barrani Company Limited et ;*

*Illi fl-istess proceduri l-Qorti pprocediet billi nnominat bhala stralcjarju tal-istess socjeta` lill-Avukat Dr. Louis Cassar Pullicino ;*

*Illi b`rikors datat 16 ta` Novembru 2009, ir-rikorrenti pprezentaw rikors, kopja ta` liema hi hawn ezebita u mmarkata dokument A, ghar-rimozzjoni tal-istralcjarju minhabba konflitt ta` interess tal-istralcjarju u dan kif spjegat fl-istess rikors ;*

*Illi b`digriet moghti kameralment fit-23 ta` Dicembru 2009 l-Onorabbli Prim`Awla tal-Qorti Civili cahdet it-talba tar-rikorrenti ghas-sostituzzjoni tal-istralcjarju fl-inkarigu tieghu bi stralcjarju iehor ;*

*Illi tali rikors kellu skond il-ligi jigi deciz b`digriet li jinqara fis-seduta u ma setax jigi deciz kameralment kif fil-fatt sar mill-Onorabbli Prim`Awla tal-Qorti Civili bid-digriet taghha tat-23 ta` Dicembru 2009 ;*

*Illi ghalhekk il-precitat digriet ta` dina l-Onorabbli Qorti b`liema giet michuda t-talba tar-rikorrenti ghas-sostituzzjoni tal-istralcjarju bi stralcjarju iehor hija nulla u bla effett fil-ligi ;*

*Illi inoltre sija l-mod kif ittiehed dan id-digriet sija l-pozizzjoni tal-istralcjarju essendo li kien ta diversi pariri lil wiehed mill-banek konkorrenti f`diversi proceduri twassal ghall-vjolazzjoni tad-dritt ghal smigh xieraq kif protett mill-artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ; l-istralcjarju kellu diversi okkazjonijiet f`liema huwa ta parir lill-bank u deher ghalih f`diversi proceduri u dan jikkozza mal-pozizzjoni tieghu bhala stralcjarju ghaliex tnaqqas u tintakka l-indipendenza u l-imparzjalita` tieghu ; illi fil-fatt wiehed mill-ilmenti avvanzati mir-rikorrent fejn intalbet ir-rimozzjoni tal-istralcjarju kien precisament minhabba dan il-konflitt ta` interess. Huwa precisament ghalhekk li r-rikorrent talab ir-rimozzjoni tal-istralcjarju talba, li giet michuda bil-fuq imsemmi digriet u ghalhekk anke dak id-digriet iwassal necessarjament ghall-vjolazzjoni tad-dritt tar-rikorrent li l-kaz jinstema` minn persuna mparzjali u indipendenti ;*

*Dan il-konflitt sar anke izjed evidenti wara d-digriet ulterjuri tal-Qorti fejn l-istralcjarju gie nkarigat jesprimi l-opinjoni tieghu dwar il-gradwazzjoni tal-kredituri u l-prova tal-krediti taghhom ; din is-sitwazzjoni bir-rispett kollu hija daqsxejn stramba ghaliex l-istralcjarju b`rikors precedenti tieghu diga` ha pozizzjoni fuq l-ammissjoni tal-krediti u l-gradwazzjoni taghhom, u la darba huwa gia` esprima opinjoni ma jistax jifhem l-esponent kif issa wiehed jista` jistenna li dan jesprimi opinjoni indipendenti u mparzjali. L-espressjoni ta` opinjoni b`mod formali ghandha tipprekludi li jkun dan l-istralcjarju li jiddefinixxi l-prova u l-gradwazzjoni tal-krediti ; din hija raguni ohra ghas-sostituzzjoni tal-istralcjarju u fi kwalsiasi kaz qieghda twassal evidentement ghall-ksur tad-dritt ta` smigh xieraq tal-esponenti ; ghalhekk il-kontinwata pozizzjoni tal-istralcjarju f`din il-kawza qieghda twassal ghan-negazzjoni tad-dritt tal-esponent ghal smigh xieraq minn persuna indipendenti u mparzjali ;*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti toghgobha :-*

*1. fil-konfront tal-intimati kollha eccetto l-Avukat Generali tiddikjara null u bla effett in vista tac-cirkostanzi premessi d-digriet ta` dina l-Onorabbli Qorti tat-23 ta` Dicembru 2009 fuq ir-rikors tar-rikorrenti ghar-rimozzjoni tal-istralcjarju u sostituzzjoni tieghu minn persuna ohra u dan fl-atti tal-kawza Citaz Numru 530/02 fl-ismijiet HSBC Bank Malta plc vs Tal-Barrani Company Limited et u dan billi l-istess digriet inghata kameralment u ma nghatax fis-smigh tas-seduta kif kellu jsir skond il-ligi, u inoltre*

*2. fil-konfront tal-intimati kollha u in difett tad-dikjarazzjoni ta` nullita` fuq imsemmija tiddikjara l-istess digriet, kif ukoll il-prosegwiment tal-kawza bil-pozizzjoni tal-istralcjarju kif fuq inghad twassal ghall-ksur tad-dritt tar-rikorrent ghal smigh xieraq ghat-tenur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem,*

*3. tiddikjara fil-konfront tal-intimati kollha li qieghed isir ksur u vjolazzjoni fir-rigward tar-rikorrent ta` dan l-artikolu, u bhala rimedju tordna l-annullament tal-fuq imsemmi digriet u s-sostituzzjoni tal-istralcjarju minn persuna idonea skond ma tiddeciedi l-Qorti fil-kawza ghal-liema hawn fuq issir riferenza, u taghti kull rimedju iehor xieraq biex ir-rikorrent jigi rientegrat fid-drittijiet kollha tieghu.*

*Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-intimati ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-kumpannija attrici.

Rat ir-risposta guramentata ta` l-Avukat Generali prezentata fis-26 ta` Lulju 2010 li taqra hekk –

*1. Illi in linea preliminari din l-Onorabbli Qorti ghandha tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond l-Artikolu 4(2) ta` l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319 tal-Ligijiet ta` Malta) u skond l-Art 46(2) tal-Kostituzzjoni ta` Malta kif ukoll tiddikjara t-tqanqil ta` l-allegat ksur tad-dritt tas-socjeta` rikorrenti ghal smigh xieraq bhala frivolu u vessatorju in vista tal-fatt li s-socjeta` rikorrenti ghandha mezzi ohra xierqa ta` rimedju ghall-ksur allegat u dan jirrizulta proprju izda mhux biss mill-ewwel talba tar-rikors promotur. Inoltre, il-proceduri quddiem din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet HSBC Bank Malta plc vs Tal-Barrani Company Limited et ghadhom pendenti u s-socjeta` rikorrenti setghet talbet lil dik il-Qorti r-revoka contrario imperio tad-digriet allegatament null tat-23 ta` Dicembru 2009. Di piu`, la darba l-imsemmija kawza tigi deciza hemm id-dritt ta` appell ;*

*2. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent mhux edott mill-fatti kif esposti mis-socjeta` rikorrenti stante li m`huwiex u qatt ma kien parti fil-kawza numru 530/2002/1 li ghadha pendenti quddiem il-Prim`Awla Qorti Civili fl-ismijiet HSBC Bank Malta p.l.c. vs Tal-Barrani Company Limited et u jirriserva ghalhekk li jekk ikun il-kaz, iressaq is-sottomissjonijiet tieghu anki dwar il-mertu waqt it-trattazzjoni tal-kawza ;*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegat ksur tad-dritt tas-smigh xieraq a tenur ta` l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt kif ukoll frivolu u vessatorju ghar-ragunijiet segwenti li qed jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin :*

*3.1 Illi dato ma non concesso li l-allegazzjonijiet li qed isiru mis-socjeta` rikorrenti fil-konfront ta` l-istralcjarju huma minnhom, dan ma jwassalx ghall-ksur ta` l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ;*

*3.2 Tant hu hekk, dejjem minghajr pregudizzju ghall-fatt li l-esponent m`huwiex edott mill-fatti fil-proceduri fil-kawza numru 530/2002/1 quddiem il-Prim`Awla Qorti Civili fl-ismijiet HSBC Bank Malta p.l.c. vs Tal-*

*Barrani Company Limited et, skond l-Artikolu 238 ta` l-Att dwar il-Kumpanniji, il-gradwazzjoni tal-kredituri ssir skond il-ligi u l-hlas tal-varji kredituri jista` jsir biss taht is-supervizjoni u s-sanzjoni tal-Qorti ;*

*3.3 Illi di piu`, minghajr pregudizzju ghat-tieni paragrafu ta` din ir-risposta, l-allegazzjoni tas-socjeta` rikorrenti fis-sens illi l-allegat nuqqas ta` indipendenza u imparzjalita` ta` l-istralcjarju necessarjament twassal ghall-ksur tad-dritt tar-rikorrent ghal smigh xieraq ma tregix ukoll ghal diversi ragunijiet ohra fosthom izda mhux biss ghaliex semmai proceduri jridu jigu ezaminati fit-totalita` taghhom sabiex Qorti f`sede kostituzzjonali tista` qatt tasal ghad-decizjoni dwar ksur o meno tad-dritt ta` smigh xieraq ;*

*4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Ghaldaqstant l-esponent, ghar-ragunijiet fuq esposti, jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-tieni u t-tielet talba tas-socjeta` rikorrenti bhala frivoli u vessatorji bl-ispejjez kontra taghha.*

Rat il-lista tax-xhieda indikati mill-konvenut Avukat Generali.

Rat ir-risposta guramentata ta` l-konvenut HSBC Bank Malta plc prezentata fit-<u>28 ta` Lulju 2010</u> li taqra hekk :–

*1.0 <u>Preliminarjament, in-nuqqas ta` kompetenza ta` din l-Onorabbli Qorti</u> :*

*1.1 Illi jidher illi din il-kawza hija ta` natura kostituzzjonali, kemm ghaliex ir-rikorrenti qed tallega nuqqas ta` smigh xieraq kif ukoll ghaliex fit-tieni u t-tielet talba qed issir talba specifika ghal dikjarazzjoni li sar ksur tad-dritt tar-rikorrenti ghal smigh xieraq a tenur tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.*

*1.2 Illi madankollu l-kawza giet ipprezentata quddiem il-Prim`Awla tal-Qorti Civili minghajr ma giet indikata s-"sede kostituzzjonali" u f`format tipiku tar-rikors guramentat ai termini tal-Artiklu 167 tal-Kap. 12, mhux tar-regoli appoziti dwar proceduri Kostituzzjonali jew Konvenzjonali.*

*1.3 Illi ghalhekk qed tigi eccepita n-nuqqas ta` kompetenza ta` din l-Onorabbli Qorti.*

*2.0 <u>Fil-mertu, it-talba ghall-annullament tad-digriet tat-23 ta` Dicembru 2009 u rimedju konsegwenzjali ghandhom jigu michuda ghax ibbazati fuq enuncjazzjoni zbaljata tal-fatti</u> :*

*2.1 Illi l-kumpannija rikorrenti qed titlob illi jigi dikjarat null u bla effett "id-digriet ta` dina l-Onorabbli Qorti tat-23 ta` Dicembru 2009 fuq ir-rikors tar-rikorrenti ghar-rimozzjoni tal-istralcjarju u sostituzzjoni tieghu ... u dan billi l-istess digriet inghata kameralment u ma inghadx fis-smigh tas-seduta".*

*2.2 Illi din l-allegazzjoni hija totalment zbaljata ghaliex ir-rikors datat 16 ta` Novembru 2010 li fih ir-rikorrenti talbet it-tnehhija tal-istralcjarju gie degretat <u>seduta stante</u> nhar is-16 ta` Dicembru 2009 kif riportat fil-verbal tal-istess seduta (Dok. A). Id-digriet tat-23 ta` Dicembru 2009 kien jirreferi ghal rikors li sar wara d-digriet tas-16 ta` Dicembru 2009 li fih ir-rikorrenti talbet li tithalla tappella minnu (Dok. B u C).*

*2.3 Illi ghalhekk it-talba ghall-annullament tad-digriet tat-23 ta` Dicembru 2009 ma tistax tintlaqa` l-ewwelnett ghaliex ir-referenza kellha tkun semmai ghad-digriet tas-16 ta` Dicembru 2009 u t-tieni nett ghaliex mhux minnu li d-digriet tas-16 ta` Dicembru 2009 inghata kameralment.*

*3.0 <u>Fil-mertu wkoll m`huwiex minnu li sehhet jew qed issehh xi vjolazzjoni tad-dritt tar-rikorrent ghal smigh xieraq</u> :*

*3.1 Illi l-allegazzjoni tar-rikorrenti hija fis-sens illi stante li Dr. Louis Cassar Pullicino rraprezenta l-Bank f`xi kawzi li m`ghandhom ebda konnessjoni mal-proceduri odjerni ma jistax jitqabbad mill-Qorti bhala stralcjarju f`kawzi li fihom ghandhom interess il-Bank eccipjenti. Inoltre r-rikorrenti ssostni illi billi l-istralcjarju f`dawn il-proceduri kien ha pozizzjoni f`rikors rigward il-gradwazzjoni tal-kredituri, l-istess Qorti ma setghetx, fi stadju sussegwenti, terga` titolbu jesprimi opinjoni izjed dettaljata dwar tali gradwazzjoni ghaliex l-istralcjarju jkun marbut b`dak li qal aktar kmieni fil-proceduri.*

*3.2 Illi dan il-lanjanza hija manifestament ingustifikata ghar-ragunijiet li gejjin :*

*- Dr. Louis Cassar Pullicino huwa avukat professjonali u indipendenti, mhux impjegat tal-Bank HSBC. Il-fatt li seta` rraprezenta lil Bank f`xi kawza jew kawzi ohra bl-ebda mod ma jfisser illi m`huwiex indipendenti u imparzjali. Dan partikolarment meta l-kawzi li allegatament huwa nvolut fihom Dr. Cassar Pullicino ma ghandhom x`jaqsmu xejn ma` l-istralc in kwistjoni. F`dan ir-rigward jinghad illi lanqas imhallef li jkun irraprezenta parti li tidher quddiemu ma huwa prekluz milli jaghti sentenza fir-rigward ta` dik il-parti (issir hawn referenza ghall-Artiklu 734 tal-Kap. 12). Multo magis huwa prekluz avukat li ta parir lill-parti milli jaghti opinjoni bhala stralcjarju fi proceduri totalment differenti.*

*- Dr. Cassar Pullicino rraprezenta lill-Bank HSBC (Malta) plc f`diversi kawzi anke qabel ma gie nominat bhala stralcjarju, kien biss meta d-decizjonijiet tieghu ma ntoghgbux mir-rikorrenti Fenech Estates Limited li qamet din il-vertenza. B`analogija mal-Artiklu 739 tal-Kap. 12, l-oggezzjoni ta` Fenech Estates Limited messha semmai tressqet fi stadju precedenti mhux f`dan l-istadju inoltrat tal-proceduri.*

*- L-istralcjarju finalment jopera taht it-tmexxija tal-Qorti li quddiemha timxi l-procedura tal-istralc. Il-Qorti mhix marbuta b`dak li jghid l-istralcjarju u l-partijiet jinghataw (u gja nghataw) kull dritt li jressqu s-sottomissjonijiet taghhom mhux biss lill-istralcjarju izda wkoll direttament lill-Qorti.*

*- Espressjoni preliminari ta` opinjoni ma torbotx lill-istralcjarju meta jigi biex jaghti l-opinjoni definittiva tieghu dwar il-gradwazzjoni tal-kredituri. Lanqas gudikant ma huwa marbut b`digrieti interlokutorji moghtija minnu stess (Art. 230 tal-Kap. 12), ahseb u ara kemm jista` jinghad illi stralcjarju jitlef l-imparzjalita` tieghu jekk, f`rikors lill-Qorti jindika opinjoni preliminari tieghu dwar gradwazzjoni.*

*Salvi eccezzjonijiet ohra li jistghu jtiressqu mill-intimata skond il-ligi.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li hija minn issa ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenut HSBC Bank Malta plc u l-elenku ta` dokumenti esebiti minnu.

Rat ir-risposta guramentata ta` l-konvenut Dr. Louis Cassar Pullicino prezentata fid-29 ta` Lulju 2010 li taqra hekk :–

*1. Illi dina l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina l-ezercizzju tal-gurisdizzjoni moghtija lilha bl-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta` Malta u partikolarment taht il-proviso ghall-artikolu 4(2) u dan billi r-rikorrent ghandu rimedji ordinarji li ghadhom ghad-disposizzjoni tieghu u cioe` li jinterponi appell mid-digrieti msemmija minnu fir-rikors promotur flimkien mas-sentenza ta` l-Onorabbli Prim`Awla tal-Qorti Civili fir-rigward tal-mertu tal-proceduri ordinarji fl-ismijiet HSBC Bank plc vs Tal-Barrani Company Limited et (rikors numru 530/02JA) ;*

*2. Illi dina l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-talbiet mressqa mis-socjeta` rikorrenti billi hija ma ghandhiex il-gurisdizzjoni li tissindaka l-mertu ordinarju jew li tagixxi bhala qorti ta` l-appell dwar mertu ta` proceduri ordinarji jew dwar jekk intuzatx il-procedura korretta f`dawk il-proceduri ordinarji. Ir-rikorrent qieghed jippretendi li jottjeni minn dina l-Onorabbli Qorti, qorti ta` gurisdizzjoni straordinarja, dak li ma rnexxielux jottjeni mill-Qorti ta` gurisdizzjoni ordinarja ;*

*3. Illi dina l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-talbiet imressqa mis-socjeta` rikorrenti billi lment dwar nuqqas ta` smigh xieraq taht l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghandu jigi sindakat f`gheluq il-proceduri ordinarji u wara li tinghata res judicata f`dawk il-proceduri u dan billi kif ripetutament gie ritenut kemm mill-Qrati ta` Malta kif ukoll mill-Qorti Ewropea illi l-gurisdizzjoni u l-kompetenza ta` dina l-Onorabbli Qorti hija li tara jekk kienx hemm nuqqas ta` smigh xieraq fl-isfond tal-proceduri shah u mhux f`pezzi ta` dawk il-proceduri. Dan ghaliex jinkombi l-ewwel fuq il-Qorti ta` gurisdizzjoni ordinarja li tidderigi l-proceduri quddiemha b`tali mod li tista` bid-direzzjoni taghha tindirizza r-rekwiziti ta` smigh xieraq ;*

*4. Illi minghajr pregudizzju ghal dan, l-esponent jirrispondi bir-rispett illi l-procedura li ntuzat mill-Prim`Awla tal-Qorti Civili sabiex tiddeciedi fuq it-talba ghas-sostituzzjoni ta` l-istralcjarju kienet procedura korretta, li tat lir-rikorrent l-ispazju sabiex iressaq it-talba tieghu skond il-ligi u giet anke deciza b`tali mod, u li din il-procedura ma tammonta ghall-ebda ksur tad-dritt ghal smigh xieraq. Ir-rikorrent jippretendi illi 'fit-23 ta` Dicembru 2009 l-Onorabbli Prim`Awla tal-Qorti Civili cahdet it-talba tar-*

*rikorrent ghas-sostituzzjoni tal-istralcjarju', b`digriet kamerali, izda effettivament dak li gie deciz fl-imsemmi digriet kienet it-talba tar-rikorrent sabiex jappella minn digriet moghti mill-istess Qorti seduta stante fis-16 ta` Dicembru 2010. B`tali mod mhux talli giet segwita l-procedura civili, li kif gie sottomess hawn fuq, tali mertu jezorbita l-gurisdizzjoni ta` qorti straordinarja, izda sahansitra tali procedura ma tippregudikax u ma tiksirx id-dritt ghal smigh xieraq billi thalli lir-rikorrent id-dritt li jressaq appell flimkien mas-sentenza fuq il-mertu ;*

*5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jirrispondi bir-rispett illi l-appuntament ta` l-esponent bhala stralcjarju u l-azzjonijiet li huwa ghamel f`tali funzjoni saru b`rispett ghad-dritt ta` smigh xieraq tar-rikorrent u bl-ebda mod ma jiksru tali dritt. Il-funzjoni ta` l-istralcjarju huwa wiehed oggettiv u li jsir biss skond id-direzzjoni u taht l-ordnijiet li jinghata mill-Qorti li tkun qieghda tippresjedi l-proceduri ta` stralc. B`hekk il-funzjoni ta` l-istralcjarju huwa li jikkompila lista tal-kredituri, iressaq l-istess ghal kunsiderazzjoni tal-Qorti u jeffettwa kwalunkwe ordni li dik il-Qorti taghtih. B`dan il-mod l-istralcjarju ma jihux decizjonijiet izda jikkompila lista tal-krediti u gradwazzjoni ta` l-istess huwa msejjah jaghmel dan skond parametri u proceduri cari fil-ligi u l-gradwazzjoni ssir skond regoli stabbiliti fil-ligi. Ghalhekk kwalunkwe diskrezzjoni anke jekk kwazi inezistenti moghtija lill-istralcjarju hija wahda sindakabbli mill-Qorti li tkun qieghda tippresjedi l-proceduri ta` l-istralc li sahansitra jibqghalha d-diskrezzjoni assoluta li taghti kwalunkwe ordni li hija jidhrilha xierqa u opportuna lill-istess stralcjarju ;*

*6. Illi inoltre ma jezisti l-ebda bazi fuq liema tista` tinstab nuqqas ta` imparzjalita` fl-ezercizzju tal-funzjoni ta` stralcjarju li qieghed jaqdi l-esponent, u dan la dik taht it-test oggettiv u lanqas taht it-test soggettiv li dejjem trid tigi ppruvata mir-rikorrent ;*

*7. Illi inoltre ma jezisti l-ebda bazi fuq liema tista` tinstab nuqqas ta` indipendenza fin-nomina ta` l-esponent bhala stralcjarju tal-kumpannija in kwistjoni u dan billi fil-qadi ta` dmirijietu l-esponent ma huwa dipendenti fuq hadd, marbut bl-etika tal-professjoni tieghu u sahansitra marbut ukoll bid-direzzjoni u l-ordnijiet li taghtih il-Qorti. Li l-esponent jezercita wkoll il-professjoni tieghu bhala avukat u li f`tali funzjoni jippatrocina kreditur tal-kumpannija in kwistjoni b`ebda mod ma taghmel lil dak l-avukat dipendenti jew b`xi mod imparzjali u dan ghaliex il-mertu ta` dawk il-proceduri b`ebda mod ma jolqot l-amministrazzjoni u mhux konness mal-kumpannija in kwistjoni jew ma` shareholders taghha. Inoltre f`dan ir-rigward ukoll l-esponent jinnota li fil-funzjoni ta` stralcjarju huwa ma jihux decizjonijiet u*

*ma jamministrax jekk mhux wara li jigi ordnat jagixxi mill-Qorti u ghalhekk jezistu salvagwardji sufficjenti kontra dak li qieghed jallega r-rikorrent.*

*8. Illi f`dan ir-rigward huwa wkoll ta` min jinnota li waqt li s-socjeta` attrici kienet qed tilmenta mill-allegat konflitt tal-esponent, kienet saret laqgha tal-kredituri u tal-azzjonisti ta` Tal-Barrani Company Limited, fejn gie miftiehem illi l-istralcjarju kellu jintavola rikors ad hoc sabiex jitlob id-direzzjoni tal-Qorti dwar il-prova tal-krediti u l-gradwazzjoni tal-istess u l-Qorti dderigiet lill-esponent sabiex jipprocedi u jekk hemm bzonn jirrevedi l-pozizzjoni tieghu dwar il-verifika u gradwazzjoni tal-krediti b`dan ghalhekk illi la s-socjeta`attrici u l-ebda kreditur iehor ma jista`jsofri ebda pregudizzju.*

*9. Illi inoltre f`partijiet tar-rikors ir-rikorrent jaghti x`jifhem li l-pozizzjoni ta` l-istralcjarju twassal ukoll ghal nuqqas ta` indipendenza jew imparzjalita` fil-Qorti li qeghda tippresjedi s-smigh tal-proceduri in kwistjoni. Tali allegazzjoni hija nfondata u dan ghaliex ma sar ebda l-agir jew ordni li tindika li dik il-Qorti hija nieqsa minn indipendenza jew imparzjalita`.*

*10 Illi ghalhekk it-talbiet imressqa mis-socjeta` rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha.*

*11. Illi inoltre r-rimedju mitlub mis-socjeta` rikorrenti ma ghandux jinghata minn dina l-Onorabbli Qorti billi ghadu possibbli li jigi mfittex mill-Qorti ta` l-Appell.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenut Dr. Louis Cassar Pullicino.

Rat ir-risposta guramentata ta` l-konvenuta Michael Axisa Company Ltd. prezentata fit-30 ta` Lulju 2010 li taqra hekk :–

*1. Illi preliminarjament l-azzjoni attrici hija nulla in kwantu l-ewwel talba, min-naha l-wahda, u t-tieni u t-tielet talba, min-naha l-ohra, ma jistghux jigu proposti permezz tal-istess azzjoni ;*

*2. Illi fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-tieni u t-tielet talba huma mproponibbli in kwantu ma jistghux jigu meqjusa minn din il-Qorti fil-gurisdizzjoni ordinarja taghha ;*

*3. Illi fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta` rikorrenti ma ezawrietx ir-rimedji ordinarji lilha disponibbli u konsegwentement it-tieni u t-tielet talba m`ghandhomx jigu meqjusa ;*

*4. Illi fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ewwel talba hija rrita u nulla billi l-eventwali procedura sabiex jigi attakkat digriet interlokutorju fuq il-bazi proposta fl-ewwel talba hija dik provduta mill-Artikolu 229 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta u mhux dik intentata mis-socjeta` rikorrenti b`din l-azzjoni ;*

*5. Illi fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ewwel talba hija ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt billi r-rikors datat 16 ta` Novembru 2009 gie deciz fil-pubbliku u dan kif jirrizulta mill-anness kopja ta` verbal markata bhala Dok. 'MAL1'. L-istess socjeta` attrici kienet a konoxxenza tal-ezistenza ta` tali digriet u dan kif jirrizzulta mill-anness Dok. 'MAL2' ;*

*6. Illi fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-istess talba hija wkoll infondata fil-fatt u fid-dritt billi hija bazata fuq il-premessa zbaljata li r-rikors datat 16 ta`Novembru 2009 kellu jigi dekretat fil-miftuh liema rekwizit ma kienx wiehed essenzjali f`dan il-kaz ;*

*7. Illi fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-tieni u t-tielet talba huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi ma tissussisti u ma hi ser tissussisti l-ebda vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tas-socjeta` attrici, hekk kif minnha allegat ;*

*8. Illi s-socjeta` attrici hija llum prekluza milli tqajjem ilment dwar l-agir tal-istralcjarju Dr. Louis Cassar Pullicino b`rabta ma`xi allegat konflitt ta` interess ma` HSBC Bank Malta plc una volta li kienet l-istess socjeta` attrici li kienet qablet li l-Bank kien jippregradwa l-krédituri l-ohra tas-socjeta` tal-Barrani Company Limited inkluza l-istess socjeta` attrici u kienet l-istess socjeta` attrici li qablet li ssir distribuzzjoni provvizorja proposta mill-istess stralcjarju, fl-ammont ta` €395,993.47, a favur tal-imsemmi Bank – dana kollu jirrizulta mill-annessi Dok. 'MAL3' u 'MAL4'.*

*9. Illi fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.*

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenuta Michael Axisa Company Ltd u l-elenku ta` dokumenti esebiti.

**Rat illi b`ordni tal-Onor. Prim` Imhallef tat-2 ta` Novembru 2011, din il-kawza giet assenjata biex tinstema` minn din il-Qorti kif presjeduta.**

Rat id-digriet li tat fis-6 ta` Marzu 2012 fejn cahdet it-talba tal-kumpannija attrici, kif dedotta fir-rikors taghha tas-27 ta` Ottubru 2010 (fol 42), sabiex tikkoregi r-rikors guramentat.

Rat in-nota b`dokumenti li pprezentat is-socjeta` attrici fit-12 ta` Lulju 2012.

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` Michael Angelo Fenech u d-dokumenti li kienu annessi.

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` Dr Louis Cassar Pullicino u d-dokumenti li kienu annessi.

Semghet ix-xiehda ta` Dr Louis Cassar Pullicino, imsejjah bhala xhud mill-konvenuta Michael Axisa Limited, u l-kontroezami ta` Michael Angelo Fenech fl-udjenza tal-24 ta` Jannar 2013, u rat id-dokumenti li kienu prezentati fl-istess udjenza.

Rat in-nota b`dokumenti li pprezentat il-konvenuta Michael Axisa Limited fit-8 ta` Frar 2013.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar li ghamlu d-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-18 ta` Novembru 2013.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**II. <u>Provi</u>**

**<u>Michael Angelo Fenech</u>, direttur tas-socjeta` attrici, xehed bil-procedura tal-affidavit.**

**Din il-Qorti qeghda tiskarta bhala rrilevanti, ghall-fini tal-kawza tal-lum, l-ewwel parti tal-affidavit, stante li fil-kawza tal-lum, il-Qorti ma kenitx mitluba illi tevalwa c-cirkostanzi li waslu ghall-istralc.**

**Ghalhekk sejra tirreferi ghal fejn fit-tieni parti tal-affidavit jolqot il-mertu tal-kawza tal-lum.**

Riferibbilment ghall-kawza "*HSBC Bank Malta plc vs Tal-Barrani Company Limited et*" *(Rik Nru 530/02 JA),* Fenech xehed illi fis-27 ta` Ottubru 2004, HSBC ipprezenta rikors. Fit-3 ta` Novembru 2004, il-Qorti tat ghaxart ijiem zmien lill-partijiet sabiex jirrispondu. Il-kawza kienet differita ghad-29 ta` Novembru 2004, bl-intendiment li l-partijiet kienu se jkollhom l-opportunita` li jittrattaw ir-rikors verbalment. Ir-rikors kien notifikat lill-Amministratur Provvizorju, izda HSBC innotifikat biss lil Michael Axisa Ltd u Fenech Estates Limited ma kenitx notifikata. Fid-29 ta` Novembru 2004, il-kawza ma kenitx nstemghet ghaliex il-Qorti kienet iddifferiet is-seduta kollha ghat-18 ta` Frar 2005. Irrizulta li l-Qorti kienet iddekretat ir-rikors qabel s-seduta u ma semghetx trattazzjoni orali. Fl-1 ta` Frar 2005, l-Av. John Refalo ircieva ittra datata 28 ta` Jannar 2005 minghand l-Amministratur Provvizorju Dr. Louis Cassar Pullicino, fejn Fenech Estates Ltd kienet mistiedna tezercita d-dritt ta` preferenza fi zmien erbgha u ghoxrin (24) siegha minn meta tircievi l-ittra. Il-kondizzjonijiet kienu : i) li l-offerta kellha tkun akkumpanjata minn garanzija bankarja ghal 30% tal-valur ; u ii) l-offerta kellha tkun iffirmata mid-diretturi kollha ta` Fenech Estates Limited. L-Av. Refalo cempel lil Dr. Cassar Pullicino u nfurmah li l-klijent tieghu ma kienx gie notifikat bl-ittra u li hu ma kienx qed jilqa` n-notifika taghha ghall-klijent tieghu. L-Amministratur Provvizorju fehem din

il-posizzjoni u accetta li jistenna sakemm issir in-notifika lil Fenech Estates Limited.

Kompla jixhed illi fit-2 ta` Frar 2005, is-socjeta` attrici rceviet l-ittra in kwistjoni. L-Amministratur Provvizorju kien infurmat li huwa kien se jgib il-garanzija bankarja u jaghmel offerta. Huwa ghamel arrangament ma` Anton Camilleri sabiex dan jibda bl-akkwist tal-art tas-socjeta` attrici u johrog il-garanzija bankarja necessarja. A bazi ta` dan l-arrangament, is-socjeta` attrici setghet toffri Lm450,000, li kien prezz superjuri ghal dak offrut minn Michael Axisa Limited. Fl-istess gurnata, l-Av. Richard Camilleri informa lill-Av. Refalo illi Alfred Fenech, wiehed mill-azzjonisti u diretturi tas-socjeta` attrici, ma riedx jiffirma l-offerta. Fl-istess gurnata, l-avukati tas-socjeta` attrici nfurmaw lill-Amministratur Provvizorju b`li kien ghaddej, u nfurmawh li kienu se jipprezentaw rikors. L-Amministratur Provvizorju accetta verbalment li jistenna l-ezitu tar-rikors. Ir-rikors kien prezentat fit-8 ta` Frar 2005, u kien dekretat fl-1 ta` Marzu 2005.

Stqarr illi fit-3 ta` Frar 2005, l-Amministratur Provvizorju kien cempel lill-avukat tas-socjeta` attrici u nfurmah li ma kienx se jiffirma l-konvenju izda kien se jiehu d-direzzjoni tal-Qorti. Fir-risposta li ghamel l-Amministratur Provvizorju ghar-rikors, jidher li fil-fatt iffirma l-konvenju fit-3 ta` Frar 2005, ghalkemm kien qal verbalment illi kien se jistenna l-esitu tad-digriet tal-Qorti. Ippreciza li flimkien mal-avukati tieghu, kien qed isegwi l-iter tar-rikors fir-Registru tal-Qorti. Fis-seduta tat-22 ta` Marzu 2005, huwa skopra illi r-rikors kien gie michud u li kien sar il-kuntratt. Ighid illi sa dakinhar stess ma kienx jidher mill-ktieb tar-rikorsi fir-Registru tal-Qorti li r-rikors kien gie dekretat.

Xehed illi skond atti li ra hu, l-istralcjarju Av. Louis Cassar Pullicino deher bhala avukat tal-HSBC f`diversi kawzi. Ghalih dan seta` facilment holoq konflitt ta` interess. Dan il-konflitt ta` interess jidher minn kondizzjoni li giet inserita fil-konvenju li tassoggetta l-kunsens tal-kompratur ghal ftehim mal-bank. Din l-kondizzjoni poggiet lis-socjeta` attrici fi zvantagg konsiderevoli. Minbarra dan, is-socjeta` attrici tpoggiet f`posizzjoni ta` zvantagg anke bil-kondizzjoni illi l-offerta kellha tigi ffirmata mid-diretturi kollha. Dan gara ghaliex il-bank kien jaf bl-inkwiet li kien hemm bejn ix-xhud u huh Alfred Fenech.

Stqarr illi Dr Cassar Pullicino rrifjuta l-offerta ta` Lm450,000 li saret ghall-beneficcju tas-socjeta` attrici ghaliex Alfred Fenech ma riedx jiffirma. Irrifjuta wkoll l-offerta ta` Lm450,000 li saret minn Anton Camilleri, ghalkemm din dahlet fl-4 ta` Frar 2005. Ghalkemm kellu dritt li jirrifjuta l-

offerti, huwa ma setax jaghmel hekk meta kellu jkun jaf illi dik l-offerta ma kenitx fil-interess tal-kumpannija u li r-rikavat ma kienx se jkun bizzejjed sabiex jithallsu d-djun.

Fil-**kontroezami**, ix-xhud fisser illi l-ishma tal-kumpannija Tal-Barrani Company Ltd kienu maqsuma ndaqs bejnu, Michael Axisa u Andrew Camilleri. Minbarra l-facilita bankarja in kwistjoni, Tal-Barrani Company Ltd ma kellhiex facilitajiet bankarji ohra hlief *cross guarantee* ma` kumpannija ohra li kienet taghhom, u li dwar din kien ghad hemm kawza pendenti u cioe` Citaz. Nru. 584/1989. Kien hemm zmien meta kien hemm diffikultajiet bejnu u huh Alfred Fenech. Ikkonferma li Alfred Fenech kien ipprezenta ic-Citaz. Nru. 1049/95 fl-ismijiet *"Alfred Fenech vs Michael Angelo Fenech et noe"* fejn talab ix-xoljiment u l-istralc ta` Fenech Estates Limited. Din il-kawza kienet ceduta fit-28 ta` Mejju 2009.

Xehed illi HSBC kien ressaq kawza ghall-istralc tas-socjeta` attrici izda l-kawza giet ceduta. Skond ix-xhud, il-kawza kienet ceduta ghaliex il-bank kien thallas. Ix-xhud insista li l-bank kien thallas aktar milli kien suppost. Jaccetta illi kemm hu u kif ukoll huh Alfred Fenech kienu taw il-kunsens taghhom sabiex isir il-hlas favur il-bank u sabiex isir l-bejgh tal-proprjeta` tas-socjeta` Tal-Barrani Company Ltd. Ftakar li hu u Alfred Fenech kienu ghamlu nota konguntiva fejn qablu li jithallas il-bank bil-kondizzjoni illi jekk il-bank jithallas aktar milli kien jispetta lilu, kien irodd id-differenza. L-Amministratur Provvizorju ta l-kunsens tieghu biex jaghmel hlas lill-bank b`dik il-kondizzjoni.

Ix-xhud kien mistoqsi jekk l-allegata offerta ta` Lm1,600,000 kenitx saret minn Charles Polidano. Ix-xhud wiegeb billi kkonferma li kienet saret offerta minn Charles Polidano maghruf bhala *ic-Caqnu*. Il-bejgh baqa` ma sarx ghaliex Charles Polidano ried li jkun hemm kondizzjoni illi l-pagament isir meta jsir l-hlas. Huwa ried li t-trasferiment tal-ishma tas-socjeta` rikorrenti u l-flus isiru meta jkun se jithallas Michael Axisa u cioe` il-*Lay Lay*. Ghalhekk l-bejgh ma sarx ghaliex huma kienu se jigu jiddependu li l-hlas tas-socjeta` rikorrenti jsir meta jkun hemm t-trasferiment tal-ishma bejn Polidano u l-Lay Lay. Huma ma kienux accettaw din l-kondizzjoni ghaliex jekk it-trasferiment tal-ishma ma jsir qatt, huma kienu jibqghu minghajr hlas. In-negozjati kienu qed isiru minn Michael Axisa, ghalkemm kien imdahhal ukoll Generoso Sammut. Mistoqsi minbarra l-bank min kienu l-kredituri tal-kumpannija Tal-Barrani Company Ltd, ix-xhud fisser illi kien hemm Piju Camilleri ghal zewg kumpanniji, Lay Lay Company Limited u s-socjeta` attrici.

**L-Av. Louis Cassar Pullicino** xehed illi r-relazzjoni tieghu mal-HSBC Malta plc hija professjonali fis-sens illi huwa jaghti pariri minn zmien ghal zmien dwar kwistjonijiet legali li jkun involut fihom il-Bank. Huwa ma ghandu l-ebda ishma tal-Bank ; lanqas ma ghandu kontijiet maghhom. Minn dak li jaf, il-Bank jinkarika numru ta` avukati prattikanti ghal xoghol simili. Huwa ma kellu l-ebda arrangament partikolari mal-Bank dwar xoghol gudizzjarju. Kemm kien ilu jipprattika bhala avukat, kemm –il darba sab ruhu f`sitwazzjonijiet fejn kellu jidher kontra l-Bank. Ix-xoghol li kien ighaddilu l-Bank ma kienx jikkostitwixxi parti sostanzjali tax-xoghol professjonali tieghu ; ghalhekk ma kienx jiddependi mix-xoghol li jinghata mill-Bank.

Dwar il-bejgh tal-proprjeta` ta` Tal-Barrani Company Ltd, Dr Cassar Pullicino xehed illi diga` kien hemm proceduri ohra istitwiti dwar dak il-mertu. Huwa cahad l-allegazzjonijiet li saru mis-socjeta` attrici. Il-bejgh kien konformi mad-digriet tal-Qorti. Kien digriet li jinghata mill-qorti fi proceduri ta` stralc. Il-bejgh sar purament sabiex jimmassimizza r-rikavat u mhux biex jaghti xi vantagg lil xi kreditur kontra iehor. Ikkonferma li fil-proceduri ta` stralc huwa mexa strettament u fedelment mad-digriet moghti mill-Qorti fis-7 ta` Dicembru 2004, kif ukoll fl-ahjar interess tal-kumpannija Tal-Barrani Company Ltd.

Ix-xhud elenka numru ta` inizjattivi li ha sabiex joqghod mal-imsemmi digriet.

Dwar l-allegazzjoni illi huwa esprima l-opinjoni tieghu dwar il-gradwazzjoni matul il-kors tal-proceduri ta` stralc, Dr Cassar Pullicino stqarr illi l-fatti kienu juru xort`ohra.

Fisser illi wara li kien hemm il-bejgh finali tal-proprjeta tas-socjeta` Tal-Barrani Company Limited, u meta kien qed isir evidenti illi l-process tal-istralc kien se jdum certu zmien, huwa deherlu li kellu jaghti rendikont lill-Qorti tar-rikavat li kellu f`idejh u dwar l-utilita` li anke f`dak l-istadju jigi awtorizzat mill-Qorti sabiex jaghmel "*interim distribution*" lil dawk il-kredituri li setghu jippregradwaw fil-konkors. Ghamel dan b`responsabbilita u oggettivita` ghaliex kien evidenti illi bit-trapass taz-zmien l-imghax kien se jkompli jakkumula u jiekol mir-rikavat.

Kompla fisser illi huwa pprezenta rikors fl-24 ta` April 2009, fejn ma esprima l-ebda fehma, izda llimita ruhu ghal dak li kien diga` rrizulta mir-ricerki pubblici. Permezz ta` digriet tal-15 ta` Gunju 2009, huwa kien

awtorizzat mill-Qorti sabiex jipprocedi bl-*interim payment* favur l-HSBC ta` € 395,953.

Stqarr illi in konformita` ma` dak id-digriet, ghamel pagament bil-kondizzjonijiet li mponiet il-Qorti, fosthom illi jottjeni minghand l-HSBC garanzija li f`kaz li jigi determinat mod iehor mill-Qorti fl-istadju tal-gradwazzjoni, il-Bank jirrifondi *in toto* l-pagament.

Xehed illi meta matul il-proceduri ta` stralc kien evidenti li s-socjeta` attrici bdiet tressaq kwistjonijiet dwar gradwazzjoni, u bdew isiru numru ta` ilmenti bhal dawk li qed isiru fil-kawza tal-lum, huwa pprezenta rikors fis-16 ta` April 2010, fejn kien iccara l-posizzjoni tieghu u talab direzzjoni mill-Qorti. Permezz ta` digriet tad-19 ta` Mejju 2010, huwa kien awtorizzat mill-Qorti sabiex jirrevedi l-verifika tal-kredituri u l-gradwazzjoni. Ghalhekk ghamel serje ta` laqghat u kien hemm skambju ta` korrispondenza mal-partijiet. In segwitu ghal dan d-digriet, il-Qorti ordnat li l-verifika tal-krediti u l-gradwazzjoni tigi sospiza sakemm tigi deciza l-kawza *"Dr. Eric Mamo noe vs Michael Axisa et noe".* Billi din il-kawza giet ceduta, il-process ta` verifika u gradwazzjoni seta` jkompli. Ghalhekk ma kien hemm l-ebda pregudizzju lil xi parti jew ohra fil-kors tal-istralc.

Finalment Dr Cassar Pullicino stqarr illi l-posizzjoni ta` stralcjarju hija definita fil-ligi ; la huwa arbitru u lanqas gudikant. Il-funzjoni tieghu hija dejjem soggetta ghad-direzzjoni tal-Qorti ; u hija l-Qorti li fl-ahhar mill-ahhar tiddeciedi kwistjonijiet dwar verifika u/jew gradwazzjoni.

Fil-**kontroezami**, muri kopji ta` dokumenti a fol 143 sa 149 tal-process, Dr Cassar Pullicino kkonferma li dawk huma kopji minn gazzetta, probabilment *The Times*, fejn kien ghamel avviz sabiex jistieden offerti dwar l-art skond id-digriet tal-Qorti. Minn dak li jiftakar setghu jsiru offerti sal-10 ta` Jannar 2005. Dok MAL 3 kienet offerta datata 10 ta` Jannar 2005 li saret minn Michael Axisa Ltd ; kienet l-unika offerta fl-ammont ta` Lm405,000. Dok MAL 4 hija kopja ta` offerta li giet moghtija lilu minn Anton Camilleri ghal AM Developments Limited datata 4 ta` Frar 2005. Dwar din l-offerta kien mar personalment ghandu Anton Camilleri flimkien mal-Av. Mark Refalo ; u tawh l-offerta. Huwa qalilhom li kien se jaccettaha fizikament izda kienet *fuori termine.*

Kien ipprezentat l-affidavit ta` **Generoso Sammut**.

Wara li rat l-affidavit, il-Qorti tqis illi l-kontenut m`ghandux rilevanza ghall-mertu ta` din il-kawza. Ghalhekk mhijiex sejra taghmel riassunt ta` dak li nghad fl-affidavit.

Li jirrigwarda l-involviment ta` Generoso Sammut meta l-art kienet se tinxtara minn Charles Polidano, tikkonsidera li m`hemmx bzonn li din tigi riportata ghaliex m`ghandhiex rilevanza ghal proceduri odjerni.

## III. Sottomissjonijiet bil-miktub

### a) Is-socjeta` attrici

Dwar il-fatti, is-socjeta` attrici tirrileva li xi whud mill-konvenuti kienu taw bidu ghal proceduri ta` stralc tas-socjeta` Tal-Barrani Company Ltd. Fil-kors ta` dawk il-proceduri, il-Qorti kienet hatret bhala stralcjarju lill-Av. Louis Cassar Pullicino. Wara li beda jaqdi l-inkariku tieghu, u wara li sar bejgh mill-assi tas-socjeta` Tal-Barrani Company Ltd, is-socjeta` attrici saret taf li l-istralcjarju kien qieghed jippatrocina lill-Bank f`diversi kawzi. Ghalhekk is-socjeta` rikorrenti pprezentat rikors biex jigi sostwit l-istralcjarju. Ir-rikors kien michud u l-istralc baqa` ghaddej. Il-kawza tal-lum kienet istitwita ghaliex, fil-fehma tas-socjeta` attrici, il-fatt illi l-istralcjarju appuntat kien jippatrocina lill-HSBC f`diversi kawzi jwassal ghal pregudizzju bazat fuq nuqqas ta` smiegh xieraq. Is-socjeta` attrici taghmel riferenza ghal gurisprudenza li tghid illi kull decizjoni li ma tkunx ittiehdet b`rispett ghall-principji tal-gustizzja naturali hija nulla b`mod insanabbli. Il-fatt illi l-istralcjarju jippatrocina f`kawzi ohra lill-HSBC li mexxa bil-procedura ta` stralc iggib sitwazzjoni ta` pregudizzju evidenti.

Dwar fejn kien eccepit illi l-procedura li segwiet hi kienet difettuza u ghalhekk nulla, is-socjeta` attrici tissottometti li sakemm ma jitweriex specifikatament li hemm nullita` stipulata fil-ligi, l-eccezzjoni tan-nullita` ma tistax tinghata. Iz-zieda tal-kliem "*sede kostituzzjonali*" mal-intestatura tal-Qorti mhux biss ma twassalx ghal nullita` izda lanqas ma hija skond il-ligi. Huwa evidenti li l-Prim Awla tal-Qorti Civili ghandha gurisdizzjoni dupplici, cioe` dik ordinarja u dik kostituzzjonali. Meta jigu ndikati l-kliem "*sede kostituzzjonali*" dak isir biss ghall-fini ta` pratticita` u xejn ized. L-eccezzjoni tan-nullita` ghaliex ir-rikors kien guramentat ma tistax tregi ghaliex dak li l-ligi tirrekjedi huwa li fejn hemm ilment dwar ksur ta` drittijiet fondamentali, l-ilment ghandu jingab `l quddiem b`rikors. Imkien ma huwa projbit li r-rikors ikun rikors guramentat. Lanqas ma hemm divjet legali li jkun hemm kumulu ta` azzjonijiet, u cioe` ta` istanzi ordinarji ma` ohrajn

kostituzzjonali. Ghalkemm kien eccepit illi d-data tad-digriet kienet indikata hazin, dak il-fatt ma jincidix fuq il-mertu tal-azzjoni. Skond is-socjeta` attrici, l-azzjoni taghha kienet fis-sens illi d-digriet li bih ma kienx imnehhi l-istralcjarju inghata kameralment kien jirrendi l-provvediment null u kwindi ma kienx jirrifletti l-esigenzi ta` smiegh xieraq. Inoltre ma hemm l-ebda dubju ghal liema digriet hija kienet qeghda tirreferi.

Dwar l-eccezzjoni tal-inkompetenza tal-Qorti, is-socjeta` attrici tghid illi din il-Qorti hija kompetenti illi tiddeciedi u tindaga dwar il-validita` ta` kull ordni jew decizjoni ta` qorti, anke dwar nullita` ta` digrieti.

Dwar l-eccezzjoni tar-rimedji alternattivi, is-socjeta` attrici tirrileva illi l-esistenza ta` rimedju alternattiv ma jnehhix l-gurisdizzjoni tal-Qorti, imma jaghmel l-ezercizzju ta` dik il-gurisdizzjoni fakoltattiv. Fil-kaz tal-lum ma kienx dimostrat x`kellu jkun ir-rimedju alternattiv. Fil-fatt is-socjeta` attrici ma kellhiex d-dritt ta` appell wara li kien michud ir-rikors. Fil-kaz ta` digrieti interlokutorji, ma hemmx dritt ta` appell qabel is-sentenza finali.

Ghar-rigward tal-mertu tal-istanza, inghad mill-kontroparti illi l-istralcjarju ma jiddeterminax il-kwistjoni u jagixxi dejjem taht il-qafas tal-istrutturi procedurali. Ghas-socjeta` attrici dan huwa rrilevanti ghaliex huwa evidenti mir-rikorsi u mir-rapport tal-istralcjarju li fir-realta` l-istralcjarju huwa intimament involut fil-process deciziv. Jekk dan mhuwiex il-kaz, allura l-presenza tal-istralcjarju tkun inutli. Skond is-socjeta` attrici, l-istralcjarju attwali ghandu konflitt ta` interess. Fil-fatt ma hemmx bzonn li jigi ppruvat pregudizzju effettiv izda huwa bizzejjed li tkun tirrizulta l-percezzjoni ta` possibilita` ta` pregudizzju f`ghajnejn persuna normali.

**b) <u>Il-konvenuta HSBC Bank Malta plc</u>**

Dwar il-fatti, HSBC tissottometti illi r-rikors in kwistjoni kien prezentat fis-16 ta` Novembru 2009, u allura snin wara li Dr Cassar Pullicino kien ilu ghaddej bil-inkariku tieghu. It-talba tas-socjeta` attrici li l-inkariku jkun revokat u li l-istralcjarju jigi sostitwit kienet michuda mill-Prim` Awla tal-Qorti Civili b`digriet li tat fil-miftuh fis-16 ta` Dicembru 2009. B`rikors iehor tat-18 ta` Dicembru 2009, is-socjeta` attrici talbet illi tithalla tappella minn dan id-digiret. Permezz ta` digriet kamerali tat-23 ta` Dicembru 2009, il-Qorti cahdet anke din t-talba. Bil-kawza tal-lum, is-socjeta` attrici, filwaqt li qeghda tittenta tattakka dawn d-digrieti, holqot konfuzjoni kemm fil-premessi kif ukoll fit-talbiet, ghaliex halltet iz-zewg digrieti.

HSBC tirrileva illi s-socjeta` attrici qeghda titlob sabiex jigi dikjarat null u bla effett id-digriet tat-23 ta` Dicembru 2009 u tirreferi ghar-rikors dwar it-tnehhija tal-istralcjarju ; tghid illi d-digriet huwa null ghaliex inghata *in camera*. HSBC tghid illi mill-provi dokumentarji jirrizulta li l-allegazzjoni tas-socjeta` attrici hija zbaljata. Ir-rikors tas-16 ta` Novembru 2009 kien dekretat *seduta stante* fis-16 ta` Dicembru 2009. Ghalhekk il-premessi tas-socjeta` attrici huma zbaljati kemm fl-indikazzjoni tad-data tad-digriet tac-cahda u kif ukoll fil-pretensjoni illi d-digriet inghata hazin ghaliex inghata *in camera*. L-izbalji tas-socjeta` attrici kienu ammessi minnha stess meta intavolat rikors fil-kawza tal-lum fejn talbet korrezzjoni kemm tal-premessi kif ukoll tat-talbiet. Bil-provvediment taghha tas-6 ta` Marzu 2012, din il-Qorti kif presjeduta cahdet it-talba. Fil-fehma ta` HSBC, in-nuqqasijiet tas-socjeta` attrici jimminaw ghal kollox il-kawza tal-lum.

HSBC tkompli ssostni li ghalkemm is-socjeta` attrici qeghda titlob dikjarazzjoni li kien hemm vjolazzjoni tad-dritt taghha ghal smiegh xieraq, ma hemm l-ebda indikazzjoni fir-rikors promotur illi t-talba kienet qeghda ssir lil din il-Qorti fis-sede kostituzzjonali taghha. Il-procedura wzata, inkluz l-istesura tar-rikors u l-avviz li ghandha tigi pprezentata risposta fi zmien ghoxrin gurnata, jindikaw bic-car li l-kawza kienet intiza li tinstema` minn din il-Qorti fil-mansjoni ordinarja taghha. Huwa propju ghalhekk li din il-Qorti ma ghandhiex kompetenza straordinarja li tisma` l-lanjanzi tas-socjeta` attrici skond il-Konvenzjoni. HSBC tirreferi ghas-sentenza "**Joseph Mary Vella vs Carmelo Bonello et**" deciza minn din il-Qorti (Sede Kostituzzjonali) fis-6 ta` Awissu 2011. Huwa inkoncepibbli li jigri dak li qed tippretendi s-socjeta` rikorrenti, u cioe` illi quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili tintuza procedura prettament ta` ligi civili izda jiddahhlu talbiet ta` natura kostituzzjonali. Ghal dawn r-ragunijiet HSBC tissottometti li din il-Qorti m`ghandhiex il-kompetenza sabiex tisma` t-talbiet kif impostati.

HSBC tkompli tghid illi anke jekk jigu sorvolati l-problemi ta` natura preliminari, xorta waha fil-mertu t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti ghandhom jigu michuda. Tghid hekk ghaliex il-proceduri ta` stralc mxew u qed jimxu korrettement u ma jezisti l-ebda ksur jew vjolazzjoni tad-drittijiet ghal smiegh xieraq. Dwar l-allegazzjoni illi l-proceduri ta` stralc qed jilledu d-drittijiet tas-socjeta` rikorrenti stante li l-istralcjarju ghandu allegat konflitt ta` interess, wiehed irid jara jekk dan l-allegat konflitt jezistix tassew, u jekk jezisti, huwiex qieghed jilledi d-dritt ghal smiegh xieraq tas-socjeta` rikorrenti. Mhuwiex kontestat li l-istralcjarju f`xi okkazzjonijiet deher ghal HSBC u taha pariri, izda dan mhux bilfors iwassal ghal konflitt ta` interess. Il-bank jirreferi ghax-xiehda tal-istralcjarju.

Dwar l-Art 6 tal-Konvenjoni, HSBC issostni li l-istralcjarju mhuwiex il-gudikant jew il-Qorti li fl-ahhar se jiddeciedi l-kawza u ghalhekk certament ma hemmx il-biza` li l-proceduri ta` stralc jigu decizi minn "*tribunal li mhuwiex indipendenti u imparzjali*." L-istralcajarju finalment jopera taht il-kontroll tal-Qorti. Din mhijiex marbuta b`dak li jghid l-istralcjarju u l-partijiet ghandhom d-dritt li jressqu s-sottomissjonijiet taghhom mhux biss lill-istralcjarju izda lill-Qorti wkoll.

**c) <u>Il-konvenut Dr Louis Cassar Pullicino</u>**

Dr Cassar Pullicino jissottometti illi mill-provi rrizulta li r-rikors tas-socjeta` rikorrenti tas-16 ta` Novembru 2009 sabiex jigi rimoss minn stralcjarju kien dekretat seduta stante fis-16 ta` Dicembru 2009. Billi l-process ta` stralc kien ghadu pendenti, u kwindi ma kien ghad hemm xejn deciz, id-drittijiet tas-socjeta` rikorrenti kemm dwar smiegh xieraq, kif ukoll dwar rimedji procedurali ghadhom impregudikati. Ghalhekk din il-Qorti ghandha tiddeklina l-gurisdizzjoni taghha, ghaliex is-socjeta` rikorrenti ghandha r-rimedji ordinarji ghad-disposizzjoni taghha, u cioe` d-dritt li jsir appell mid-digriet in kwistjoni wara li jintemm il-process ta` stralc. Mill-atti tal-istralc jirrizulta illi l-process ghall-verifika tal-krediti u l-gradwazzjoni taghhom ghadu mhux finalizzat. Ghalhekk ma hemm l-ebda pregudizzju kif qed jigi allegat mis-socjeta` rikorrenti.

Dr Cassar Pullicino jsostni li lanqas ma huwa l-kaz li s-socjeta` rikorrenti mhijiex fil-fatt tinghata smiegh xieraq. Il-proceduri ta` stralc ghadhom ghaddejjin, tant li ghad qed jinstemghu l-provi, u qed isiru s-sottomissjonijiet dwar il-verifiki tal-krediti u l-gradwazzjoni.

Dwar ir-rikors biex isir "*interim distribution*", Dr Cassar Pullicino jhirrileva illi r-rikors qatt ma kien intiz biex jesprimi opinjoni finali dwar il-gradwazzjoni tal-krediti. Tant huwa hekk, li meta ntalbet l-awtorizzazzjoni, huwa talab li jkun hemm kondizzjoni espressa li f`kaz li jirrizulta li l-kreditu ma jirrizultax fil-intier tieghu, jew l-gradwazzjoni eventwali ma tiggustifikax il-pagament li jkun lahaq sar, ikun hemm l-obbligu espress li kwalunkwe pagament interim jigi rifuz. Sabiex jigi evitat kwalunkwe malintiz fil-proceduri ta` stralc, huwa pprezenta rikors datat 16 ta` April 2010, fejn talab lill-Qorti sabiex jinghata direzzjoni. Bid-digriet tad-19 ta` Mejju 2010, il-Qorti awtorizzatu sabiex jirrevedi l-verifika tal-krediti u l-gradwazzjoni, u proprju ghalhekk huwa beda serje ta` inkontri u korrispondenza mal-partijiet. Kwindi huwa stat ta` fatt illi l-verifika tal-krediti u l-gradwazzjoni ghadha mhijiex maghluqa. Il-hatra tal-istralcjarju saret mill-Qorti, u l-azzjonijiet tieghu huma taht il-kontroll tal-Qorti. Huwa ma jiehux decizjonijiet finali ; u

kwalunkwe diskrezzjoni illi ghandu hija sindikabbli mill-Qorti skond id-disposizzjonijiet tal-Kap 386.

Dr Cassar Pullicino cahad li ghandu xi konflitt ta` interess jew li huwa ppregudikat favur HSBC. Ghalkemm irrizulta ppruvat illi huwa jidher ghal HSBC f`numru ta` kawzi, daqstant iehor huwa ppruvat illi dawn il-kawzi ma jikkostitwux ammont sostanzjali mix-xoghol professjonali tieghu, u HSBC mhuwiex klijent li fuqu jiddependi l-ghixien ta` Dr Cassar Pullicino. Izda aktar importanti minn hekk huwa l-fatt li gie ppruvat li hu zamm d-dritt li jagixxi kontra l-bank ; u fil-fatt agixxa kontra l-bank f`numru ta` kawzi. Jirrizulta wkoll ippruvat illi huwa dejjem mexa b`mod imparzjali u indipendenti.

## d) <u>Il-konvenut Avukat Generali</u>

L-Avukat Generali jirreferi ghal gurisprudenza dwar l-Art 46(2) tal-Kostituzzjoni u dwar l-Art 4(2) tal-Kap 319.

L-Avukat Generali jikkontendi illi s-socjeta` attrici kellha mezzi ohra xierqa ta` rimedju ghall-ksur li tallega li garrbet.

Dwar it-tieni talba, jirrileva illi l-fatt li l-kawza tal-lum saret quddiem din il-Qorti fis-sede civili taghha juri bic-car li dak li qed tfittex s-socjeta` rikorrenti huwa ta` natura civili ordinarju. Kemm il-provvedimenti tal-Kostituzzjoni kif ukoll dawk tal-Konvenzjoni ma jippermettux kawza mista kif qed tigi proposta mis-socjeta` rikorrenti.

Jikkontendi li l-proceduri tal-istralc tal-kumpannija Tal-Barrani Company Limited ghadhom pendenti u ma hemm xejn xi jzomm lis-socjeta` rikorrenti milli titlob lil *dik* il-Qorti r-revoka *contrario imperio* tad-digriet tat-23 ta` Diembru 2009, apparti l-fatt illi wara li jkun hemm decizjoni finali, dejjem hemm dritt ta` appell.

Jekk il-procediment tal-lum sejjer jitqies bhala ta` indole kostituzzjonali, il-Qorti Kostituzzjonali mhijiex qorti tat-tielet istanza. Issir riferenza ghas-sentenza fil-kawza "**<u>Gertrude Bonello vs Kummissarju tal-Pulizija et</u>**" moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta` Novembru 2011.

Din il-Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita s-setghat taghha skond il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni.

Ghar-rigward tal-mertu, irrizulta mill-provi li r-rikors tas-16 ta` Novembru 2009 li bih s-socjeta` rikorrenti talbet t-tnehhija tal-istralcjarju kien dekretat seduta stante fis-16 ta` Dicembru 2009. Ghalhekk isegwi li kemm d-data tad-digriet kif ukoll l-allegazzjoni li d-digriet inghata *in camera* huma zbaljati. Dan il-fatt kien ammess mis-socjeta` rikorrenti meta ipprezentat rikors ghal korrezzjoni fil-kawza tal-lum, talba li kienet michuda.

Dwar l-allegat ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq, minn qari kemm tal-Art. 6 tal-Konvenzjoni u kemm tal-Art. 39 tal-Kostituzzjoni, l-allegazzjonijiet li qed isiru ma jwasslux ghal ksur ta` dan id-dritt. Id-dritt ta` smiegh xieraq jiggarantixxi smiegh imparzjali u pubbliku minn tribunal u/jew qorti indipendenti u mparzjali. Skond l-Artikolu 238 tal-Kap 386, il-gradwazzjoni tal-kredituri isir skond il-ligi u l-hlas tal-kredituri tista` ssir biss taht is-supervizjoni u sanzjoni tal-Qorti. Ghalhekk l-allegat nuqqas ta` imparzjalita` tal-istralcjarju, *dato ma non concesso* li dan huwa minnu, ma tista` qatt wahidha twassal ghal ksur ta` dan id-dritt.

Minghajr pregudizzju, l-Avukat Generali jzid illi mill-provi prodotti ma rrizultax li l-proceduri ta` stralc tmexxew b`mod irregolari ; lanqas ma rrizulta li s-socjeta` rikorrenti kienet ippregudikata bl-agir tal-istralcjarju.

**e) <u>Il-konvenuta Michael Axisa Limited</u>**

Tirrileva illi kemm mill-kontroezami ta` Michael Angelo Fenech, kif ukoll mid-dokumenti, jirrizulta li kien hemm qbil bejn il-partijiet li Dr Cassar Pullicino jinhatar bhala stralcjarju. Kien hemm qbil ukoll li jsir il-bejgh tal-art ta` Tal-Barrani Company Limited ; kif ukoll illi jithallas l-HSBC. Ghalhekk ladarba s-socjeta` attrici tat il-kunsens taghha ma tistax issa wara li sar il-bejgh, u li mir-rikavat thallas il-bank, tattakka dak kollu li sar.

Dwar l-allegazzjoni li kien ivvjolat id-dritt ta` smiegh xieraq tas-socjeta` attrici fil-proceduri ta` stralc, tirrileva li ma sar l-ebda att jew procedura li jimpingu fuq dak id-dritt. Bizzejjed li wiehed ighid illi dawk il-proceduri bdew hdax –il sena ilu, u s-socjeta` attrici kellha kull opportunita` sabiex tressaq il-provi taghha. Tirreferi ghas-sentenza li tat din il-Qorti (Sede Kostituzzjonali) fil-21 ta` Jannar 2010 fil-kawza "**<u>Peter Paul Muscat vs Mario Muscat pro et noe</u>**".

Dwar l-eccezzjonijiet procedurali, tirrileva li l-Art 46(1) u (4) tal-Kostituzzjoni huma cari illi l-gurisdizzjoni originali fil-kaz ta` ksur ta` drittijiet fondamentali huwa tal-Prim` awla tal-Qorti Civili, filwaqt illi l-Qorti Kostituzzjonali hija kompetenti fil-kaz ta` appell. Ghalhekk il-kliem "Sede/Gurisdizzjoni Kostituzzjonali" jinkitbu mhux biss biex issir distinzjoni bejn kawzi purament civili jew kummercjali, u dawk ta` natura kostituzzjonali, izda anke ghaliex l-appell isir quddiem qrati differenti. Tirreferi ghas-sentenza "**Philip Spiteri vs Sammy Meilaq**" deciza fit-8 ta` Marzu 1995.

Dwar l-eccezzjoni illi s-socjeta` attrici kellha rimedji alternattivi, l-Art 229 tal-Kap 12 huwa car kif isir appell minn digriet. Is-socjeta` attrici ma segwietx il-procedura skond dak l-artikolu, u minflok intavolat din il-kawza. Is-socjeta` rikorrenti kellha dritt ta` appell mid-digriet in kwistjoni wara s-sentenza finali, u ghalhekk ma setghetx tintavola procedura kostituzzjonali ladarba ma kenitx ezawriet ir-rimedji ordinarji li kellha. Bhala fatt irrizulta li fis-16 ta` Dicembru 2009, il-Qorti kienet qrat fil-miftuh id-digriet li bih cahdet it-talba tas-socjeta` attrici ghat-tnehhija u sostituzzjoni ta` Dr Cassar Pullicino bhala stralcjarju. Ghalhekk minkejja l-allegazzjoni tas-socjeta` attrici, il-Qorti mxiet skond il-ligi.

Tirrileva finalment illi l-istralcjarju dejjem mexa bi prudenza u agixxa wara qbil bejn il-partijiet u/jew ordinijiet tal-Qorti. Minn imkien ma jirrizulta li agixxa *ultra vires* s-setghat moghtija lilu mil-ligi jew agixxa b`mod li holoq pregudizzju ghal xi parti interessata.

## IV. Sottomissjonijiet bil-fomm

**Is-socjeta` attrici** tirrileva illi ghalkemm hemm zball fit-talba, huwa evidenti li s-sustanza tat-talba hija jekk l-istralcjarju jistax jibqa` stralcjarju fil-proceduri pendenti minhabba l-konnessjonijiet li huwa ghandu ma` wahda mill-partijiet.

Dwar ir-rimedju opportun, is-socjeta` attrici tghid illi hija kienet talbet ir-rikuza tal-istralcjarju, id-digriet tal-Qorti kien sfavorevoli, u ghalkemm regghu ppruvaw jattakkaw dan, kollox kien ghal xejn. Il-fatt li wiehed jista` jappella wara d-decizjoni finali mhux rimedju ghaliex jekk kien qed isir ksur tad-dritt ta` smiegh xieraq, il-parti hija ntitolata ghal dan s-smiegh. Fil-kaz ta` smiegh xieraq hemm il-lat soggettiv u dak oggettiv. Dwar il-lat soggettiv

f`dan il-kaz ma jista` jinghad xejn izda mil-lat oggettiv, hemm fatti li jistghu jinducu dubbju ragjonevoli jekk l-istralcjarju kienx qed jassolvi l-kariga tieghu b`mod imparzjali. Saret il-prova li l-istralcjarju kellu konnessjonijiet ta` xoghol professjonali mal-bank kreditur li kienu jammontaw ghal flus kbar, u allura kien hemm interess sufficjenti biex jigi eskluz.

**Is-socjeta` Michael Axisa Ltd** sostniet dak li kienet diga` qalet bil-miktub.

**Dr. Louis Cassar Pullicino** rrileva illi li l-bejgh tal-art in kwistjoni sar wara li huwa talab l-awtorizzazzjoni tal-Qorti, wara li l-Gvern hareg skema li biha seta` jigi massimizzat il-valur tal-assi. Il-partijiet kollha kienu qablu li jsir *interim payment* lill-HSBC billi l-kreditu tal-bank kien cert. Ghalhekk kien fl-interess tal-partijiet illi minflok li l-flus jibqghu go kont b`interessi ta` forsi 3%, jithallas wiehed mill-kredituri li kellu kreditu car.

**V. Kompetenza tal-Qorti :-**
**L-ewwel eccezzjoni ta` HSBC Bank Malta plc ;**
**It-tieni eccezzjoni ta` Dr Louis Cassar Pullicino ; u**
**It-tieni eccezzjoni ta` Michael Axisa Company Limited**

La fil-premessi u lanqas fit-talbiet is-socjeta` attrici ma tirreferi ghall-Art 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta.

Fil-premessi, u fit-tieni u fit-tielet talbiet, is-socjeta` attrici tirreferi ghall-Art 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (“Il-Konvenzjoni”).

L-**Art 4 tal-Kap 319** ighid hekk :-

*(1) Kull persuna li tallega li xi wiehed mid-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali jkun gie, ikun qed jigi jew ikun x’aktarx ser jigi miksur dwarha, jew kull persuna ohra li l-Prim’Awla tal-Qorti Civili f’Malta tista’ tahtar ad istanza ta’ xi persuna li hekk tallega, tista’, bla hsara ghal kull azzjoni ohra dwar l-istess haga li tkun tista’ ssir legalment, titlob lill-Prim’Awla tal-Qorti Civili ghal rimedju.*

*(2) Il-Prim’Awla tal-Qorti Civili ghandu jkollha gurisdizzjoni originali li tisma’ u tiddeciedi kull talba maghmula minn xi persuna skond is-*

*subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tizgura t-twettiq tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali li ghat-tgawdija taghhom tkun intitolata dik il-persuna :*

*Izda l-qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond dan is-subartikolu f`kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ordinarja ohra.*

…

*(4) Kull parti fi procedimenti migjuba quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili skond dan l-artikolu jkollha dritt ta' appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali.*

…

Fil-ktieb tieghu ***Constitutional Procedure Relative to Fundamental Rights and Freedoms*** l-ex Prim` Imhallef Prof Giuseppe Mifsud Bonnici kien qal hekk dwar l-intestatura tal-Qorti :-

*"The application in a human rights action is given a court designation as – Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili (or alternatively – Fil-Qorti Civili Prim Awla, Sede Kostituzzjonali). The underlined wording has been added by forensic practice but is not strictly speaking correct as it is not authorised by law."*

Fil-kaz tal-lum, is-socjeta` attrici ma lmentatx minn ksur tal-jedd taghha ghal smigh xieraq hekk kif tutelat mill-Kostituzzjoni izda ressqet ilment dwar il-jedd taghha ghal smigh xieraq hekk kif imhares fil-Konvenzjoni.

Din id-distinzjoni hija rilevanti ghall-kwistjoni investita bl-eccezzjonijiet fuq riferiti. Il-Kap 319 hija ligi *ordinarja* ghad-differenza tal-Kostituzzjoni. Tant il-Kap 319 huwa hekk illi l-proviso tal-Art 4(2) [supra] jirreferi ghal *mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna* ***skond xi ligi ordinarja ohra***. (enfasi u sottolinear ta` din il-Qorti).

Din il-Qorti hija tal-fehma illi, anke tenut kont ta` kif inhu mfassal anke l-Art 4(1) [supra], xejn fid-dritt ma jnehhilha l-kompetenza li tiehu

konjizzjoni tal-talbiet attrici kif dedotti. Sabiex tressaq l-ilment taghha dwar allegat ksur ta` jedd imhares mill-Konvenzjoni li saret taghmel parti mil-ligijiet ordinarji ta` dan il-pajjiz bis-sahha tal-Kap 319, is-socjeta` attrici kellha kull jedd tadixxi din il-Qorti minghajr il-htiega li zzid xejn fl-intestatura tal-Qorti. Anke l-fatt li marret ghal rikors guramentat (minflok ghal rikors semplici) ma jnehhix lil din il-Qorti l-kompetenza li tisma` din il-kawza.

**L-eccezzjonijiet fuq riferiti qeghdin ghalhekk jigu <u>michuda</u>.**

**VI. <u>Rimedji ohra mhux ezawriti</u> :-**
**L-ewwel eccezzjoni ta` l-Avukat Generali ;**
**L-ewwel eccezzjoni ta` Dr Louis Cassar Pullicino ;**
**It-tielet eccezzjoni ta` Michael Axisa Limited**

L-**<u>Art 229(1) sa (4) tal-Kap 12</u>** jaqra hekk :-

*(1) Appell minn dawn id-digrieti li ġejjin jista` jsir biss wara l-għoti ta` sentenza definittiva u flimkien ma` appell minn dik is-sentenza, u dawn id-digrieti ma jistgħux jiġu kontestati qabel ma tingħata s-sentenza definittiva :-*

*(a) digriet dwar l-akkoljiment ta` talba għall-urġenza ;*

*(b) dwar kull ordni jew direttiva skont il-provvedimenti tal-artikolu 173 ;*

*(c) digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba għat-tħollija tal-kawża għal data oħra skont l-artikolu 195(3) ;*

*(d) digriet dwar jekk tintlaqax jew le oġġezzjoni għall- ammissjoni ta` xhud skont l-artikolu 56 ;*

*(e) digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba biex isiru mistoqsijiet lil xhud skont l-artikolu 587 ;*

*(f) digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba biex jinġiebu dokumenti skont l-artikolu 637 ħlief jekk d-digriet ikun dwar jekk tintlaqax jew le talba biex jinġieb dokument li jkun dokument privileġġat skont id-dispożizzjonijiet tal- artikolu 637(4) ;*

*(g) dwar il-ħatra ta` perit skont l-artikolu 646 ;*

*(h) digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba għall- konnessjoni ta` kawża ma` oħra skont l-artikolu 793(1) ;*

*(i) digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba għas-sospensjoni tal-għoti ta` digriet ;*

*(j) digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba għall-isfilz ta` dokument mill-atti ta` kawża ;*

*(k) digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba għar-revoka jew emenda ta` digriet, bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta` dan l-artikolu ;*

*(l) digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba għal konċessjoni speċjali sabiex ikun jista` jsir appell skont is- subartikolu (5) ;*

*(2) Id-deċizjoni tal-qorti fil-każijiet hawn taħt imsemmija għandha tingħata permezz ta` digriet li jinqara bil-miftuħ fil-qorti f`jum li jiġi debitament notifikat lill-partijiet, u jista` jsir appell minn dak id-digriet qabel is-sentenza definittiva bla ħsara għall- proċedura stabbilita fis-subartikoli (4) u (5) :-*

*(a) digriet li jiċħad il-ħatra ta` periti addizzjonali skont l- artikolu 674 ;*

*(b) digriet dwar it-trasferiment tas-smigħ ta` kawża minn qorti oħra skont l-artikolu 792 ;*

*(c) digriet li jiċħad is-sejħa ta` terza persuna f`kawża skont l-artikolu 961 ;*

*(d) digriet li ma jilqax talba għall-urġenza ;*

*(e) digriet li jordna l-waqfien tal-proċedimenti ;*

*(f) digriet li jordna li jinġieb dokument li jkun dokument privileġġat skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 637(4).*

*(3) Ħlief kif provdut speċifikatament mod ieħor f`dan il- Kodiċi, appell minn kull digriet interlokutorju ieħor li mhuwiex inkluż fis-subartikoli (1) u (2) jista` jsir biss qabel is-sentenza definittiva jekk il-qorti li tkun qed tittratta l-każ tagħti permess speċjali sabiex dan isir, liema permess għandu jintalab b`rikors li jiġi preżentat fi żmien għaxart ijiem mill-jum meta d-digriet jinqara bil-miftuħ fil-qorti. Il-qorti, wara li tkun semgħet lill-partijiet, tista` tilqa` li jsir dan l-appell jekk jidhrilha li jkun aħjar u ġust li l- kwistjoni tinġieb quddiem il-Qorti tal-Appell qabel ma tingħata s-sentenza definittiva u*

*t-terminu biex jiġi preżentat tali appell għandu jibda jgħaddi mid-data tad-digriet li bih il-Qorti tkun laqgħet li jsir dak l-appell.*

*(4) Fil-każ ta` xi digriet li jingħata taħt is-subartikoli (2) u (3), sakemm ma jkunx ġie preżentat rikors ta` appell, il-parti aggravata tista`, b`rikors li jiġi preżentat fi żmien sitt ijiem mill-jum meta d- digriet ikun inqara bil-miftuħ fil-qorti, titlob lill-qorti li tkun tat id- digriet sabiex tikkonsidra mill-ġdid id-deċiżjoni tagħha. Fir-rikors għandu jkun hemm ir-raġunijiet kollha dettaljati li jsaħħu t-talba u dan għandu jiġi notifikat lill-parti l-oħra li jkollha dritt tippreżenta risposta fi żmien sitt ijiem mill-jum tan-notifika.*

Fis-sentenza taghha tal-4 ta` Dicembru 1998 fil-kawza "**<u>Emanuel Abela vs Perit Fred Valentino</u>"** il-Qorti tal-Appell qalet hekk :–

*"Hu ukoll pacifiku illi : "Wiehed mill-fatturi li essenzjalment jiddistingwi digriet interlokutorju minn sentenza huwa l-fatt li waqt li digriet interlokutorju jista` jigi rrevokat contrario imperio mill-Qorti li tkun ipproferitu dan ma jistax isir fil-kaz ta` sentenza" (**<u>Alfred Piscopo vs Direttur tas-Servizzi Socjali</u>**, deciza minn din il-Qorti fl-4 ta` Mejju, 1992, Vol. LXXVI, pt. II, p. 252). Gurisprudenza din li tirrifletti l-artikolu 230 tal-Kap. 12 li jiddisponi li d-digrieti nterlokutorji ma jaghmlux gudikat ghall-Qorti li tkun tathom, meta tingieb raguni sewwa fil-fehma tal-Qorti biex titbieghed minnhom. Dispozizzjoni li tfisser illi l-Qorti ma kinitx marbuta bid-digriet interlokutorju li tkun tat hi u li f`kull zmien allura, sakemm il-kawza tibqa` fil-gurisdizzjoni taghha, hi kellha l-fakolta` li timmodifika jew tirrevoka tali digriet jekk hekk thoss li jkun gust u mehtieg li jsir fil-kors tal-proceduri. Difatti minn digriet il-Qorti tkun cahdet is-sejha ta` terza persuna f`kawza skond l-artikolu 961, il-Kap. 12 kif issa emendat wara l-Att XXIV ta` l-1995, l-artikolu 229 (4) jipprovdi illi jista` jkun hemm rikors mill-parti aggravata, lill-istess Qorti li tkun tat id-digriett biex din tikkunsidra mill-gdid id-decizjoni taghha."*

Fis-sentenza taghha tas-27 ta` Marzu 2015 fil-kawza "**<u>Ian Peter Ellis et vs Avukat Generali et</u>**" il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk :–

*"41. Fid-dawl tal-premess din il-Qorti hija tal-fehma li, kunsidrati l-fattispeci tal-kaz, ma jistax validament jinghad li r-rikorrenti kellhom rimedju potenzjalment effettiv u adegwat ghal-lanjanzi taghhom, u fic-cirkostanzi tal-kaz il-lanjanzi kostituzzjonali u konvenzjonali taghhom jimmeritaw li jigu ezaminati u decizi mill-qrati ta` gurisdizzjoni kostituzzjonali. Din il-konkluzjoni ssib sostenn legali fil-gurisprudenza interpretattiva li tittratta dwar l-ezercizzju tad-diskrezzjoni kontemplata fl-Artikolu 46[2] tal-Kostituzzjoni u 4[2] tal- Konvenzjoni.*

*42. Hekk per ezempju jinsab ritenut li :-*

*" … tali setgha ghandha dejjem tigi ezercitata bi prudenza, b` mod li fejn ikun jidher li hemm jew jista` jkun hemm kaz serju ta` vjolazzjoni ta` drittijiet fondamentali, l-individwu ma jigix privat mir-rimedju kostituzzjonali [jew taht il- Kap.319] meta jkun jidher li r-rimedji ohra li hemm jew li kien hemm ma jkunux adegwati fic-cirkostanzi tal-kaz." [Q.Kos* ***David Axiak vs Awtorita` Tat-Trasport Pubbliku****, deciz 14 ta` Mejju 2004] ;*

*"Il-mezz [irid] ikun tali li wiehed jista` ragjonevolment – tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz – janticipa li jista` jkun hemm ezitu favorevoli" [Q.Kost.* ***Salvatore Abdilla vs Onor.Seg.Parlamentari Ambjent****, deciz 30 ta` Mejju 2003]."*

Dan premess, fil-kaz tal-lum, is-socjeta` attrici qeghda tilmenta mid-digriet li nghata wara r-rikors taghha tas-16 ta` Novembru 2009 (ara fol 267).

Almenu mill-provi jidher illi dak ir-rikors kien prezentat fl-istess data meta kien hemm seduta quddiem il-qorti.

Abbazi tal-verbal tas-seduta tas-16 ta` Novembru 2009, jidher li l-kawza kienet differita ghas-16 ta` Dicembru 2009.

Skond il-verbal ta` dik is-seduta, jinghad hekk :-

*Id-difensuri Dr Vassallo, Dr Vella u Dr Pulis jopponu ghar-rikors tas-16 ta` Novembru 2009 biex jitnehha Dr Cassar Pullicino minn stralcjarju.*

*Il-Qorti,*

*Billi ma thossx li hemm raguni valida,*

*Tichad it-talba.*

Ghal din il-Qorti huwa evidenti li fis-seduta tas-16 ta` Dicembru 2009 inghata digriet fil-miftuh.

Fil-fehma taghha, huwa digriet li huwa regolat bl-Art 229(3) u (4) tal-Kap 12.

Wara l-ghoti ta` dak id-digriet, is-socjeta` attrici kellha l-fakolta` li :-

i) tipprezenta rikors fi zmien ghaxart ijiem minn meta d-digriet jinqara sabiex titlob permess biex tappella minnu ; jew

ii) tipprezenta rikors fi zmien sitt ijiem minn meta jinqara d-digriet, fejn titlob lill-qorti sabiex tqis mill-gdid id-decizjoni taghha ; jew

iii) tappella mid-digriet wara s-sentenza finali.

Skond dokumenti li kienu prezentati minn Michael Axisa Company Limited, jirrizulta illi wara d-digriet tas-16 ta` Dicembru 2009, is-socjeta` attrici pprezentat rikors fid-18 ta` Dicembru 2009 – Dok MAL2 – sabiex tinghata permess tappella mid-digriet tas-16 ta` Dicembru 2009. It-talba taghha kienet michuda b`digriet kamerali tat-23 ta` Dicembru 2009. Effettivament, is-socjeta` rikorrenti setghet jew titlob permess sabiex tappella jew titlob rikonsiderazzjoni. Is-socjeta` attrici ghamlet l-ewwel ghazla u t-talba taghha kienet respinta. L-unika triq li kien fadlilha kienet li tistenna l-gheluq tal-istralc u tappella mid-digriet u mill-provvediment tal-ahhar.

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha ta` dan il-kaz, jidher illi s-socjeta` attrici marret ghar-rimedju <u>mmedjat</u> li kienet taghtiha l-ligi tal-procedura. Meqjusa n-natura tal-ilment, din il-Qorti ma tqisx li l-fatt li s-socjeta` attrici kellha r-rimedju tal-appell mid-digriet wara l-provvediment finali bhala <u>rimedju xieraq u effettiv</u>. U ghalhekk mhijiex tal-fehma li ghandha tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond il-proviso tal-Art 4(2) tal-Kap 319.

**L-eccezzjonijiet fuq riferiti qeghdin ghalhekk jigu <u>michuda</u>.**

## VII. <u>It-talbiet</u>

Il-bqija tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti jolqtu l-mertu tat-talbiet. Ghalhekk il-Qorti sejra tghaddi biex tqis it-talbiet attrici fl-isfond tal-eccezzjonijiet dwar il-mertu taghhom li gabu `l quddiem il-konvenuti.

1) **L-ewwel talba**

Kif sostnew il-konvenuti, u in parte accettat mis-socjeta` attrici, il-premessi u t-talbiet tas-socjeta` attrici ghandhom zbalji fattwali.

Filwaqt illi huwa nkontestat li dak li qeghda tilmenta minnu s-socjeta` attrici huwa d-digriet li tat din il-Qorti diversament presjeduta meta cahdet ir-rikors taghha ghat-tnehhija ta` Dr Louis Cassar Pullicino minn stralcjarju, fl-istess waqt tirrizulta konfuzjoni ta` dati u ta` fatti kif pprezentati fir-rikors promotur.

Infatti fir-rikors promotur jinghad :–

*Illi b`rikors datat 16 ta` Novembru 2009, ir-rikorrenti pprezentaw rikors, kopja ta` liema hi hawn ezebita u mmarkata dokument A, ghar-rimozzjoni tal-istralcjarju minhabba konflitt ta` interess tal-istralcjarju u dan kif spjegat fl-istess rikors ;*

*Illi b`digriet moghti kameralment fit-23 ta` Dicembru 2009 l-Onorabbli Prim`Awla tal-Qorti Civili cahdet it-talba tar-rikorrenti ghas-sostituzzjoni tal-istralcjarju fl-inkarigu tieghu bi stralcjarju iehor;*

*Illi tali rikors kellu skond il-ligi jigi deciz b`digriet li jinqara fis-seduta u ma setax jigi deciz kameralment kif fil-fatt sar mill-Onorabbli Prim`Awla tal-Qorti Civili bid-digriet taghha tat-23 ta` Dicembru 2009 ;*

*Illi ghalhekk il-precitat digriet ta` dina l-Onorabbli Qorti b`liema giet michuda t-talba tar-rikorrenti ghas-sostituzzjoni tal-istralcjarju bi stralcjarju iehor hija nulla u bla effett fil-ligi ;*

L-izball – li jirrizulta ppruvat bid-dokumenti li jaghmlu parti mill-process – jinsab fil-fatt illi r-rikors tas-16 ta` Novembru 2009 kien dekretat fil-miftuh fl-udjenza tas-16 ta` Dicembru 2009. Dan il-fatt accertat u ppruvat jismentixxi dak sostnut mill-bidu nett mis-socjeta` attrici illi d-digriet dwar ir-rikors tas-16 ta` Novembru 2009 inghata kameralment fit-23 ta` Dicembru 2009. Fir-realta` dak li nghata fit-23 ta` Dicembru 2009 kien digriet ghal kollox differenti minn dak menzjonat mis-socjeta` attrici fis-sens li kien digriet ghal rikors li pprezentat is-socjeta` attrici fit-18 ta` Dicembru 2009.

L-ilment tas-socjeta` attrici huwa car u kristallin fis-sens illi s-socjeta` attrici qeghda tilmenta li d-digriet fejn din il-Qorti diversament presjeduta

cahdet it-talba taghha ghat-tnehhija tal-Av. Cassar Pullicino minn stralcjarju huwa null ghaliex inghata kameralment. Effettivament kien ippruvat li l-pretensjoni tas-socjeta` attrici kienet manifestament infondata fil-fatt u fid-dritt ghaliex id-digriet fejn kienet michuda t-talba ghat-tnehhija ta` Dr Cassar Pullicino inghata fil-miftuh fl-udjenza tas-16 ta` Dicembru 2009. Stante li d-digriet inghata skond il-ligi, din il-Qorti mhijiex sejra tiddikjara n-nullita` tieghu.

Il-konfuzjoni tas-socjeta` attrici tissokta fl-ewwel talba fejn titlob sabiex *"invista tac-cirkostanzi premessi d-digriet ta` dina l-Onorabbili Qorti tat-23 ta` Dicembru 2009, fuq rikors tar-rikorrenti ghar-rimozzjoni tal-istralcjarju u sostituzzjoni tieghu minn persuna ohra …."* Il-fatti kif deskritti fil-premessi tar-rikors guramentat jaghmlu referenza diretta ghad-digriet tas-16 ta` Dicembru 2009 u mhux ghad-digriet tat-23 ta` Dicembru 2009.

Din il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza li tat fl-24 ta` Gunju 2011 fil-kawza "**<u>Joseph Mary Farrell vs Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud</u>**" :-

*"Hu maghruf li kawzi quddiem il-qrati superjuri jridu jimxu a bazi tal-kawzali kif imressqa ghal quddiemha mir-rikorrenti, u jekk talba tkun mitluba a bazi ta' kawzali partikolari, mhux lecitu ghall-parti jew ghall-qorti tinvestiga lill'hinn minn dik il-kawzali. Kif intqal, per ezempju, mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kaz* ***<u>Azzopardi v. Azzopardi</u>****, deciza fil-31 ta' Jannar, 2003, "il-Qorti ghandha toqghod fuq il-kawzali u t-talba dedotta u xejn izjed".*

**In vista tal-premess, il-Qorti qeghda <u>tichad</u> l-ewwel talba.**

## 2) <u>It-tieni talba</u>

Fit-tieni talba, is-socjeta` attrici qeghda titlob lill-Qorti sabiex tiddikjara illi d-digriet li rreferiet ghalih fil-premessi u fl-ewwel talba, kif ukoll il-prosegwiment tal-procediment bil-posizzjoni tal-istralcjarju <u>attwali</u> twassal ghal ksur tad-dritt taghha ghal smigh xieraq.

Dwar l-ewwel parti ta` din t-tieni talba, ighodd dak li l-Qorti diga` rrilevat fl-ambitu tal-ewwel talba u cioe` li d-digriet kamerali kien dak tat-23 ta` Dicembru 2009 filwaqt illi d-digriet tas-16 ta` Dicembru 2009 inghata fil-miftuh.

Fit-tieni parti tat-tieni talba, s-socjeta` attrici titlob mill-Qorti dikjarazzjoni li kien hemm vjolazzjoni tad-dritt ta` smiegh xieraq.

**L-Art 6(1) tal-Konvenzjoni** jghid :–

*Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta` xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b`ligi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jista` jiġi eskluż mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal- morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f`soċjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f`ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċità tista` tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja.*

L-**Art 238 tal-Kap 386** jaqra hekk :-

*(1) Fl-istralċ mill-qorti l-istralċjarju jkollu s-setgħa, bis- sanzjoni jew tal-qorti jew tal-kumitat ta` stralċ maħtur taħt id- disposizzjonijiet tal-Kapitolu IV ta` dan is-Sub-Titolu -*

*(a) li jagħmel jew jiddefendi kull azzjoni jew proċedimenti legali oħra fl-isem u għan-nom tal- kumpannija ;*

*(b) li jmexxi n-negozju tal-kumpannija safejn dan ikun meħtieġ għall-benefiċċju tal-istralċ tagħha ;*

*(c) li jħallas lill-kredituri skont il-gradwazzjoni tagħhom bil-liġi ;*

*(d) li jagħmel kull kompromess jew ftehim mal-kredituri jew persuni li jgħidu li huma kredituri, jew li jkollhom jew li jallegaw li jkollhom xi talba, preżenti jew futura, ċerta jew kontinġenti, aċċertata jew li tista` tkun dovuta bħala danni kontra l-kumpannija jew li biha l-kumpannija tista` tinżamm responsabbli u li jirreferi xi kwistjoni bħal din għall-arbitraġġ ;*

*(e) li jagħmel sejħiet lill-kontributorji jew allegati kontributorji u li jagħmel kompromess jew ftehim fuq djun, obbligi u talbiet tal-kumpannija preżenti jew futuri, ċerti jew kontinġenti, aċċertati jew li jistgħu jkunu dovuti bħala danni, li jkunu jeżistu jew meqjusa li jeżistu bejn il-kumpannija u kontributorju jew allegat kontributorju jew debitur ieħor jew allegat debitur u kull kwistjonijiet li b`xi mod għandhom x`jaqsmu ma`, jew jolqtu, l-attiv jew l-*

*istralċ tal- kumpannija, b`dawk il-kondizzjonijiet li jkunu miftiehma, u li jieħu kull sigurtà għas-sodisfazzjon ta` kull sejħa, dejn, obbligu jew talba u li jagħti jew jikkompleta sodisfazzjon dwarhom ; u*

*(f) li jirrappreżenta lill-kumpannija f`kull ħaġa u li jagħmel dawk il-ħwejjeġ li jkunu meħtieġa biex jiġi stralċjat in-negozju tal-kumpannija u sabiex jitqassam l-attiv tagħha :*

*Iżda l-Qorti tista` tagħti ordni illi l-istralċjarju jkun jista`, meta ma jkunx hemm kumitat ta` stralċ, jeżerċita kull waħda mis-setgħat imsemmija fil-paragrafu (a) jew (b) mingħajr il-permess tal-Qorti.*

*(2) Fi stralċ mill-qorti l-istralċjarju jkollu b`mod partikolari s-setgħa -*

*(a) li jbiegħ beni mobbli u immobbli, magħdud kull jedd, tal-kumpannija b`irkant pubbliku jew bi ftehim privat bis-setgħa li jittrasferixxi l-intier jew parti minnu ;*

*(b) li jagħmel kull azzjoni u li jesegwixxi, fl-isem jew għan-nom tal-kumpannija, kull att, riċevuta u dokument ieħor;*

*(c) li jiġbor fuq is-sigurtà tal-attiv tal-kumpannija kull flus li jkunu meħtieġa ; u*

*(d) li jaħtar mandatarju biex jagixxi għalih fl-kariga tiegħu ta` stralċjarju għal għanijiet partikolari.*

*(3) Fi stralċ mill-qorti, l-eżerċizzju tas-setgħat mogħtija lill-istralċjarju b`dan l-artikolu jkunu soġġetti għall-kontroll tal-qorti, u kull kreditur jew kontributur jista` jagħmel rikors lill-qorti għal xi eżerċizzju jew eżerċizzji proposti ta` xi waħda minn dawk is-setgħat.*

Imbaghad l-**<u>Art 239 tal-Kap 386</u>** ighid :-

*(1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta` dan l-Att stralċjarju ta` kumpannija li tkun qed tiġi stralċjata mill-qorti għandu, fl-amministrazzjoni tal-attiv tal-kumpannija u it-tqassim tagħhom fost il-kredituri tagħha, iqis kull direttivi li jistgħu jingħataw b`riżoluzzjoni tal-kredituri jew kontributorji f`xi laqgħa ġenerali jew mill-kumitat ta` stralċ, u kull direttivi mogħtija mill-kredituri u l-kontributorji flimkien għandhom, jekk ikunu b`konflitt ma` xi direttivi mogħtija mill-kumitat ta` stralċ, jitqiesu li jregu dawn tal-aħħar; xort`oħra għandhom iregu d-direttivi mogħtija mill-kumitat ta` stralċ.*

*(2) L-istralċjarju jista` jsejjaħ laqgħat ġenerali tal-kredituri jew kontributorji sabiex jaċċerta x-xewqat tagħhom, u jkun id-dmir tiegħu li jsejjaħ laqgħat f`dawk iż-żminijiet li l-kredituri jew il- kontributorji,*

*b`riżoluzzjoni, jew fil-laqgħa li taħtar lill-istralċjarju jew xort`oħra, jistgħu jeħtieġu, jew kull meta mitlub bil-miktub biex hekk jagħmel mill-kredituri jew kontributorji skont il-każ, li jkollhom minn kwart tal-valur.*

*(3) L-istralċjarju jista` jagħmel rikors lill-qorti biex tagħti direttivi dwar kull ħaġa partikolari li tinqala` fl-istralċ.*

*(4) Jekk xi persuna tħossha aggravata b`xi għemil jew deċiżjoni tal-istralċjarju, il-persuna tista` tagħmel rikors lill-qorti u l-qorti tista` tikkonferma, taqleb jew timmodifika l-għemil jew id- deċiżjoni li dwarha jsir l-ilment, u tagħmel dak l-ordni dwar dan li jidhrilha ġust.*

Mill-provi jirrizulta illi l-istralcjarju mexa skond d-direzzjoni u l-awtorizzazzjoni tal-Qorti. Fost il-provi dokumentarji, is-socjeta` Michael Axisa Company Limited ipprezentat numru ta` dokumenti minn fol 796 `il quddiem. Dawn id-dokumenti jikkostitwixxu prova tal-fatt illi kien hemm l-adezjoni tas-socjeta` attrici mal-mod kif kien qed jitmexxa l-istralc. Fil-fatt jirrizulta li rtirat kull oggezzjoni li seta` kellha ghall-istralc. Sussegwentement ma opponietx il-bejgh tal-proprjeta`. U kien fl-ahjar interess tas-socjeta` attrici illi r-rikors tal-HSBC ikun milqugh.

Hemm ukoll nota ohra datata 10 ta` Novembru 2004, fejn s-socjeta` rikorrenti tghid –

*"Illi huwa jaqbel mar-rikors tal-bank attur li huwa fl-ahjar interess ta` kulhadd u cioe tal-kumpannija Tal-Barrani Co. Ltd li taghha huwa direttur, ta` Fenech Estates Co Ltd li taghha huwa direttur u assjonista u tal-kreditur principali ta` dawn iz-zewg kumpannija u cioe il-bank attur li ma tintilifx din l-opportunita li hu jidhem hija miftuha biss ghal zmien limitat"* (fol 800)

Kif jidher minn Dok B14, l-istralcjarju kien informa lis-socjeta` rikorrenti li kien rcieva offerta u stieden anke lilha biex hi wkoll taghmel offerta.

Mill-provi, jirrizulta li l-istralcjarju pprezenta rikors fl-24 ta` April 2009 (fol 751). B`digriet taghha din il-Qorti diversament presjeduta awtorizzat lill-istralcjarju sabiex ihallas is-somma ta` €395,993 lill-HSBC li mbaghad kellhu jaghti garanzija li jirrestitwixxi s-somma jew parti minnha jekk jirrizulta li ma tkunx dovuta kif mitlub.

B`rikors iehor tas-16 ta` April 2010 (fol 756) l-istralcjarju talab l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex jirrevedi l-verifika tal-kredituri u l-gradwazzjoni taghhom. U l-Qorti tat l-awtorizzazzjoni.

Abbazi tal-assjem tal-provi akkwiziti, din il-Qorti hija sodisfatta li Dr Louis Cassar Pullicino bhala stralcjarju dejjem mexa skond id-digrieti li nghataw mill-Qorti. Kif ukoll konsistentement talab l-awtorizzazzjoni tal-Qorti specjalment fil-bejgh tal-art. Fil-fatt il-bejgh sar sabiex jithallas il-bank. Il-bejgh ma sarx mill-istralcjarju *sua sponte* izda agixxa skond l-awtorizzazzjoni tal-Qorti.

Kif huwa evidenti mir-rikors guramentat l-akbar ilment tas-socjeta` attrici huwa proprju dwar dan l-bejgh. Li kieku ma kienx hekk, is-socjeta` rikorrenti ma kenitxx tipprova tattakka l-imparzjalita tal-istralcjarju ghaliex allegatament ghandu relazzjoni ta` xoghol mal-Bank intimat. Izda l-posizzjoni li hadet is-socjeta` attrici taqa` meta l-Qorti awtorizzat lill-istralcjarju sabiex jipprocedi bil-bejgh wara r-rikors tieghu tal-24 ta` April 2009.

Ighidu **Harris, O`Boyle & Warbrick** fil-ktieb "*Law of the European Convention on Human Rights*" (Second Edition – OUP) in linea ta` principju illi ***the Court* (u cioe` l-ECHR) *has stressed that "the right to a fair trial holds so prominent a place in a democratic society that there can be no justification for interpreting Article 6(1) of the Convention restrictively"* (*Perez v France – 2004-I ; 40 EHRR 909 para 64 GC*)** [ara pag 201]. Ighidu wkoll pero` illi ***the Court also allows States a wide margin of appreciation as to the manner in which national courts operate … A consequence of this is that in certain contexts the provisions of Article 6 are as much obligations of results as of conduct, with national courts being allowed to follow whatever particular rules they choose so long as the end result can be seen to be a fair trial.*** [ara pag 202]. U jkomplu li ***in some contexts a breach of Article 6 will only be found to have occurred upon proof of "actual prejudice" to the applicant*** (sottolinear ta` din il-Qorti) [ara pag 204]

Fil-kaz tal-lum, ghalkemm ma kienx kontestat li Dr Cassar Pullicino ghamel xoghol legali b`inkariku ta` HSBC, dak il-fatt bl-ebda mod la fil-principju u lanqas fil-fatt ma rrizulta li gabu in konflitt mar-rwol tieghu bhala stralcjarju. Kif diga` rrilevat, irrizulta li sal-lum kull pass li ha Dr Cassar Pullicino bhala stralcjarju mexa skond il-ligi u taht id-direzzjoni tal-Qorti. Fil-kaz tal-lum, din il-Qorti ma ssib l-ebda ksur – lanqas potenzjali – tal-jedd tas-socjeta` attrici ghal smigh xieraq. Fit-totalita` tal-komportament

tal-istralcjarju ma jirrizulta l-ebda *actual prejudice* fil-konfront tas-socjeta` attrici. Bl-imgieba tieghu jirrizulta li l-istralcjarju zamm *a fair balance between the parties* u b`ebda mod ma qieghed lis-socjeta` attrici f`xi zvantagg vis-à-vis l-avversarji taghha.

**Ghalhekk it-tieni talba qeghda tkun <u>michuda</u>.**

**3) <u>It-tielet talba</u>**

**It-tielet talba hija konsegwenzjali ghat-tieni talba. Respinta t-tieni talba, anke t-tielet talba sejra tkun michuda wkoll.**

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-**

**Tichad l-ewwel eccezzjoni ta` l-konvenuta HSBC Bank Malta plc, it-tieni eccezzjoni ta` l-konvenut Dr Louis Cassar Pullicino, u t-tieni eccezzjoni tal-konvenuta Michael Axisa Company Limited.**

**Tichad l-ewwel eccezzjoni ta` l-konvenut Avukat Generali, l-ewwel eccezzjoni ta` l-konvenut Dr Louis Cassar Pullicino, u t-tielet eccezzjoni ta` l-konvenuta Michael Axisa Company Limited.**

**Tilqa` l-eccezzjonijiet fil-mertu li ressqu l-konvenuti.**

**Tichad it-talbiet kollha tas-socjeta` attrici.**

**In kwantu ghall-ispejjez relattivi ghall-ewwel eccezzjoni ta` l-konvenuta HSBC Bank Malta plc, ghall-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet ta` l-konvenut Dr Louis Cassar Pullicino, ghall-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Avukat Generali, u ghat-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-konvenuta Michael Axisa Company Limited, tordna lis-socjeta` attrici u lill-konvenuti koncernati sabiex ibatu l-ispejjez taghhom.**

**In kwantu ghall-ispejjez relattivi ghat-talbiet attrici u ghall-eccezzjonijiet fil-mertu ghat-talbiet attrici, tordna li l-ispejjez kollha jithallsu mis-socjeta` attrici.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**